IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.7.2010

KUMM(2010)385 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea għamlet passi ta' ġgant 'il quddiem minn meta, fl-1985, il-mexxejja ta' ħames pajjiżi Ewropej laħqu ftehim f'Schengen sabiex jabolixxu l-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom. Il-ftehim tagħhom wassal għall-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990, li kien fiha ż-żerriegħa ta' bosta mill-politiki dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni tal-lum. L-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni ħeġġet l-iżvilupp ta' firxa sħiħa ta' miżuri fil-fruntieri esterni, l-aktar b'rabta mal-ħruġ ta' viżi, il-koordinazzjoni ta' politiki dwar l-asil u l-immigrazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-pulizija u fl-oqsma ġudizzjarji u doganali bħala parti mill-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali. Illum, la ż-żona ta' Schengen u lanqas is-suq intern tal-UE ma jistgħu jiffunzjonaw mingħajr skambju ta' informazzjoni fuq bażi transkonfinali.

L-attakki terroristiċi tal-2001 fl-Istati Uniti, u kif ukoll il-bombi f'Madrid u Londra fl-2004 u l-2005, ipprećipitaw dinamika oħra fl-iżvilupp tal-politiki dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni tal-Ewropa. Fl-2006, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jitpoġġew f'pożizzjoni fejn ikunu jistgħu jiġġieldu kriminalità serja billi jżommu kemm dejta dwar it-traffiku tat-telekomunikazzjoni u kif ukoll dwar il-lok.[1] Fi stadju sussegwenti l-Kunsill adotta l-inizjattiva Svediża għall-issimplifikar tal-iskambju ta' informazzjoni fuq bażi transkonfinali f'investigazzjonijiet kriminali u operazzjonijiet ta' *intelligence*. Fl-2008, huwa approva d-Deċiżjoni ta' Prüm biex jitħaffef l-iskambju ta' profili tad-DNA, il-marki tas-swaba' u d-dejta dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi bħala parti mill-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità. Il-kooperazzjoni transkonfinali bejn Unitajiet tal-*Intelligence* Finanzjarja, Uffiċċji tal-Irkupru ta' Assi u pjattaformi taċ-ċiberkriminalità u l-użu li l-Istati Membri jagħmlu mill-Europol u l-Eurojust, jikkostitwixxu għodod ulterjuri fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja fiż-żona ta' Schengen.

Immedjatament wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, il-gvern tal-Istati Uniti stabbilixxa l-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (Terrorist Finance Tracking Program) biex jevita komplotti simili permezz tal-monitoraġġ ta' tranżazzjonijiet finanzjarji suspettużi. Riċentement il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika rigward l-

---

[1] Bħalissa l-UE m'għandha l-ebda definizzjoni armonizzata ta' 'reati kriminali serji'. Pereżempju, d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lill-Europol li tikkonsulta mal-VIS (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129) tiddefinixxi 'reati kriminali serji' b'referenza għal-lista ta' reati stabbilita fil-Mandat ta' Arrest Ewropew (id-Deċiżjoni 2002/584/ĠAI, ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1). Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta (id-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54), tħalliha f'idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu 'reati kriminali serji'. Id-Deċiżjoni dwar il-Europol (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37) fiha lista oħra ta' reati ddefiniti bħala 'reati kriminali serji', li hija simili ħafna, iżda mhijiex identifika għal-lista li tinsab fil-Mandat ta' Arrest Ewropew.

ipproċessar u t-trasferiment ta' Dejta dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea lill-Istati Uniti għall-finijiet tal-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (Ftehim dwar TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti)[2] L-iskambju ta' Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) ma' pajjiżi terzi kienu ukoll ta' għajnuna lill-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja.[3] Wara li kkonludiet ftehimiet ta' PNR mal-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Kanada, riċentement il-Kummissjoni reġgħet bdiet tivvaluta l-pjani tagħha biex tikkunsidra mill-ġdid l-approċċ għall-ħolqien ta' sistema ta' PNR fl-UE u l-iskambju ta' tali dejta ma' pajjiżi terzi.

Il-miżuri msemmija hawn fuq ippermettew il-moviment ħieles fiż-żona ta' Schengen, ikkontribwixxew għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra attakki terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji u tejbu l-iżvilupp ta' politika komuni dwar il-viża u l-asil.

Għall-ewwel darba, din il-komunikazzjoni qiegħda tippreżenta deskrizzjoni ġenerali sħiħa ta' miżuri fil-livell tal-UE, li qegħdin jiġu implimentati jew li qed jiġu kkunsidrati, li jirregolaw il-ġbir, iż-żamma u l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi jew tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Iċ-ċittadini għandhom id-dritt li jkunu jafu liema dejta personali tagħhom tkun qiegħda tiġi pproċessata u skambjata, minn min u għal liema finijiet. Dan id-dokument jipprovdi tweġiba trasparenti għal dawn il-mistoqsijiet. Għandu wkoll il-għan li jiċċara l-iskop ta' dawn l-istrumenti, l-istruttura tagħhom, it-tipi ta' dejta personali li jkopru, il-lista tal-awtoritajiet b'aċċess għal tali dejta u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-protezzjoni u ż-żamma tad-dejta. Barra minn hekk, jiġbor fih għadd limitat ta' eżempji li juru kif dawn l-istrumenti joperaw fil-prattika (ara l-Anness I). Fl-aħħar nett, id-dokument jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin li għandhom jirfdu t-tfassil u l-evalwazzjoni tal-istrumenti tal-ġestjoni tal-informazzjoni tal-ġejjieni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

Bid-deskrizzjoni ġenerali li tagħti ta' miżuri fil-livell tal-UE li jirregolaw il-ġestjoni ta' informazzjoni personali u bil-proposta ta' sett ta' prinċipji għall-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' dawn il-miżuri li tressaq, din il-komunikazzjoni tikkontribwixxi għal djalogu politku informat mal-partijiet interessati kollha. Fl-istess ħin, hija tipprovdi l-ewwel tweġiba għas-sejħiet tal-Istati Membri biex jiġi żviluppat approċċ aktar "koerenti" għall-iskambju ta' informazzjoni personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li riċentement ġie indirizzat mill-Istrateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni,[4] u biex issir riflessjoni dwar il-possibbiltà tal-ħtieġa tal-iżvilupp ta' Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni msejjes fuq evalwazzjoni ta' miżuri kurrenti ta' skambju ta' informazzjoni.[5]

Il-limitazzjoni tal-iskop hija kunsiderazzjoni ewlenija għall-parti l-kbira tal-istrumenti koperti f'din il-komunikazzjoni. Sistema ta' informazzjoni waħda u globali bi skopijiet multipli

---

2 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, P7_TA-PROV(2010)0279, 8.7.2010.

3 F'kuntrast ma' kriminalità serja, 'reati terroristiċi' huma ddefiniti b'mod ċar fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI, ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3; emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI, ĠU L 330, 9/12/2008, p. 21).

4 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni għas-sigurtà interna tal-UE, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, 30.11.2009 (Strateġija tal-UE għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni); Libertà, Sigurtà, Privatezza — L-Affarijiet Interni Ewropej f'dinja miftuħa, ir-Rapport tal-Grupp Informali ta' Konsulenza ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Politika Ewropea tal-Affarijiet Interni ("Il-Grupp tal-Futur"), Ġunju 2008.

5 Il-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sikura għas-sevizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, Dokument tal-Kunsill 5731/10, 3.3.2010, Taqsima 4.2.2.

twassal għal skambju ta' informazzjoni tal-aħjar livell. Madanakollu, l-ħolqien ta' sistema bħal din tikkostitwixxi restrizzjoni kbira u illeġittima tad-dritt tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta u toħloq sfidi enormi f'termini ta' żvilupp u operat. Fil-prattika, il-politiki fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja żviluppaw b'manjiera inkrementali, u wasslu għal għadd ta ' sistemi u strumenti ta' informazzjoni ta' diversi qisien, skopijiet u finijiet. L-istruttura kompartimentalizzata tal-ġestjoni tal-informazzjoni li ħarġet fid-dieher fuq dawn l-aħħar deċenni twassal aktar għas-salvagwardja tad-dritt taċ-ċittadini għall-privatezza tagħhom minn kwalunkwe alternattiva ċentralizzata oħra.

Din il-komunikazzjoni ma tkoprix miżuri li jinvolvu l-iskambju ta' dejta mhux personali għal finijiet strategiċi, bħal analiżi tar-riskju u valutazzjonijiet tat-theddid; lanqas ma tanalizza fid-dettall id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta tal-istrumenti li qiegħda ssir diskussjoni dwarhom, billi bħalissa l-Kummissjoni qiegħda twettaq eżerċizzju separat ta' qafas komprensiv ġdid għall-protezzjoni tad-dejta personali fil-livell tal-UE – u dan abbażi tal-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bħalissa l-Kunsill qiegħed jikkunsidra l-abbozz ta' direttivi ta' nnegozjar għal ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-protezzjoni tad-dejta personali meta din tiġi ttrasferita u pproċessata għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, fosthom it-terroriżmu, fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Billi dawn in-negozjati aktar mistennija li jistabbilixxu modi kif iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fit-trasferiment u l-ipproċessar ta' dejta personali aktar milli s-sustanza ta' tali trasferimenti u pproċessar ta' dejta, din il-komunikazzjoni ma tkoprix din l-inizjattiva.[6]

2. L-ISTRUMENTI TAL-UE LI JIRREGOLAW IL-ĠBIR, IŻ-ŻAMMA U L-ISKAMBJU TA' DEJTA PERSONALI GĦALL-FINIJIET TAL-INFURZAR TAL-LIĠI JEW TAL-MIGRAZZJONI

Din it-taqsima tipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw il-ġbir, iż-żamma u l-iskambju transkonfinali ta' dejta personali għall-iskop tal-infurzar tal-liġi jew tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. It-taqsima 2.1 tiffoka fuq miżuri li jinsabu fis-seħħ bħalissa, li qegħdin jiġu implimentati jew li qed jiġu kkunsidrati; it-taqsima 2.2 tikkonċerna inizjattivi stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma[7]. Din tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin ta' kull strument:

– Sfond (jekk il-miżura ġietx proposta minn Stati Membri jew mill-Kummissjoni);[8]

– Fini(jiet) tal-ġbir, żamma u skambju ta' dejta;

– Struttura (sistema ta' informazzjoni ċentralizzata jew skambju deċentralizzat ta' dejta);

---

6 COM(2010)252, 26.5.2010.

7 COM(2010)171, 20.4.2010 (Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma).

8 F'dik li kienet it-tielet kolonna tal-Unjoni Ewropea dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkondividu d-dritt ta' inizjattiva. It-Trattat ta' Amsterdam integra l-oqsma dwar il-kontroll tal-fruntieri esterni, il-viżi, l-asil u l-immigrazzjoni fil-kolonna Komunitarja (l-ewwel waħda), fejn il-Kummissjoni kienet tgawdi d-dritt esklussiv ta' inizjattiva. It-Trattat ta' Lisbona elimina l-istruttura ta' kolonni tal-Unjoni, u afferma mill-ġdid id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni. Madanakollu, fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (fosthom il-kooperazzjoni amministrattiva), għadha tista' tiġi pproposta leġiżlazzjoni fuq l-inizjattiva ta' kwart tal-Istati Membri.

– Inklużjoni ta' dejta personali;

– Awtoritajiet b'aċċess għad-dejta;

– Dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' dejta;

– Regoli dwar iż-żamma ta' dejta;

– Stadju tal-implimentazzjoni;

– Mekkaniżmu ta' valutazzjoni.

2.1. Strumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew li qegħdin jiġu kkunsidrati

Strumenti tal-UE li għandhom l-għan li jtejbu l-operat taż-żona ta' Schengen u l-unjoni doganali

Is-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen** (SIS) tnisslet mix-xewqa tal-Istati Membri li joħolqu żona mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni filwaqt li jiġi ffaċilitat il-moviment ta' persuni bejn il-fruntieri esterni tagħhom.[9] Din bdiet topera fl-1995 bil-għan tal-ħarsien tas-sigurtà pubblika, inkluż is-sigurtà nazzjonali, fi ħdan iż-żona ta' Schengen u biex tiffaċilita l-moviment ta' persuni permezz tal-użu ta' informazzjoni kkomunikata b'din is-sistema. Is-SIS hija sistema ta' informazzjoni ċentralizzata li tinkludi parti nazzjonali f'kull Stat li jipparteċipa u funzjoni ta' appoġġ tekniku fi Franza. L-Istati Membri jistgħu joħorġu allerti għal persuni mfittxija biex jiġu arrestati jew estraditi; ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu mċaħħda d-dħul; persuni mitlufa; xhieda jew dawk li jirċievu taħrika ġudizzjarja; persuni u vetturi suġġetti għal monitoraġġ eċċezzjonali minħabba li jkunu ta' theddida għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali; vetturi, dokumenti u armi tan-nar mitlufa jew misruqa; u karti tal-flus suspettużi. Id-dejta li tiddaħħal fis-SIS tinkludi ismijiet u psewdonimi, karatteristiċi fiżiċi, post u data tat-twelid, iċ-ċittadinanza u jekk individwu jkunx armat u vjolenti. Il-pulizija, l-awtoritajiet tal-kontroll tal-fruntiera, tad-dwana u l-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fi proċedimenti kriminali jistgħu jaċċessaw din id-dejta skont is-setgħat legali rispettivi tagħhom. L-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-uffiċċji konsulari għandhom aċċess għal dejta relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jinsabu fil-lista u għal allerti dwar dokumenti mitlufa jew misruqa. Il-Europol jista' jkollha aċċess għal xi kategoriji ta' dejta mis-SIS, fosthom allerti dwar persuni mfittxija għall-arrest u dawk il-persuni suġġetti għal monitoraġġ eċċezzjonali minħabba li jkunu ta' theddida għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali. Il-Eurojust tista' taċċessa allerti dwar persuni mfittxija biex jiġu arrestati u estraditi u dwar xhieda jew persuni li fil-konfront tagħhom tkun inħarġet taħrika ġudizzjarja. Id-dejta personali tista' tintuża għall-finijiet ta' allerti speċifiċi li jkunu nħarġu għalihom. Id-dejta personali li tiddaħħal fl-SIS għall-finijiet tal-ittraċċar ta' persuna tista' tinżamm biss għal dak il-perjodu meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-finijiet għaliex tkun ingħatat, u mhux għal aktar minn tliet snin wara li tiddaħħal. Id-dejta dwar persuni suġġetti għal monitoraġġ eċċezzjonali minħabba li jkunu ta' theddida għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali għandha titħassar wara sena. L-Istati Membri għandhom jadottaw regoli nazzjonali għal livell ta' protezzjoni tad-dejta li minn tal-anqas ikun ugwali għal dak li jirriżulta mill-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' Individwi tal-

---

[9] Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Lulju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, ĠU L 239, 22.09.2000, p. 19.

Kunsill tal-Ewropa tal-1981 fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali u r-Rakkomdazzjoni tal-1987 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija.[10] Filwaqt li l-Konvenzjoni ta' Schengen ma tinkludix mekkaniżmu ta' valutazzjoni, il-firmatarji jistgħu jipproponu emendi għaliha, f'liema każ it-test emendat għandu jiġi approvat b'umanimità u rratifikat mill-parlamenti nazzjonali. Is-SIS hija applikabbli bis-sħiħ fi 22 Stat Membru, u kif ukoll fl-Isvizzera, fin-Norveġja u fl-Islanda. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jipparteċipaw fl-aspetti tal-kooperazzjoni tal-pulizija tal-Konvenzjoni ta' Schengen u tas-SIS, għajr għal allerti relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jinsabu fil-lista ta' projbizzjoni ta' dħul. Ċipru ffirma l-Konvenzjoni ta' Schengen, iżda għadu ma implimentahiex. Il-Liechtenstein mistenni jimplimentaha fl-2010; Il-Bulgarija u r-Rumanija mistennija jagħmlu dan fl-2011. It-tiftix fil-proċedura tas-SIS jipproduċi 'sejba' meta d-dettalji ta' persuna jew oġġett li jkunu qed jiġu mfittxija jaqblu ma' dawk ta' allert eżistenti. Wara li tinkiseb is-sejba, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu, permezz tan-netwerk tagħhom tas-SIRENE bureaux, jitolbu għal aktar informazzjoni dwar is-suġġetti ta' allert[11].

Hekk kif Stati Membri ġodda ssieħbu fiż-żona ta' Schengen, id-daqs tal-bażi tad-dejta tal-SIS kibret b'mod korrispondenti: bejn Jannar 2008 u 2010, l-għadd totali ta' allerti tas-SIS żdied minn 22.9 għal 31.6 miljun.[12] Billi din iż-żieda fil-volumi tad-dejta u t-tibdil fil-ħtiġijiet tal-utenti kienet ġiet antiċipata, fl-2001 l-Istati Membri ddeċidew li jiżviluppaw **Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni** (SIS II), u fdaw dan il-kompitu f'idejn il-Kummissjoni.[13] Is-SIS II qiegħda tiġi żviluppata bħalissa bl-iskop li tiżgura livell għoli ta' sigurtà fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi ttejjeb il-funzjonijiet tas-sistema tal-ewwel ġenerazzjoni u biex tiffaċilita l-moviment ta' persuni permezz tal-użu ta' informazzjoni kkomunikata b'din is-sistema. Barra mill-kategoriji ta' dejta oriġinali koperti mis-sistema tal-ewwel ġenerazzjoni, is-SIS II ser tkun tista' tittratta marki tas-swaba', ritratti, kopji tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi ta' persuni li l-identità tagħhom ma tkunx qed tiġi użata b'mod xieraq u konnessjonijiet bejn allerti differenti. Pereżempju, is-SIS II tkun tippermetti l-interkonnessjoni ta' allerti relatati ma' persuna mfittxija għal sekwestru, l-individwu sekwestrat u l-vettura użata għal dan ir-reat. Ir-regoli dwar id-drittijiet ta' aċċess u ż-żamma ta' dejta huma l-istess għal dawk tas-sistema tal-ewwel ġenerazzjoni. Id-dejta personali tista' tintuża għall-finijiet ta' allerti speċifiċi li jkunu nħarġu għalihom. Id-dejta personali fis-SIS II għandha tiġi pproċessata skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-atti legali bażiċi li jirregolaw din is-sistema (ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI), li jiċċaraw il-prinċipji tad-Direttiva 95/46/KE u skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-Konvenzjoni 108 u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa.[14] Is-SIS II ser tuża l-s-TESTA, in-netwerk tal-Kummissjoni

---

10 Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropea, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropea 108); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropea, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

11 SIRENE tfisser Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali (Supplementary Information Request at National Entry)

12 Id-Dokument tal-Kunsill 5441/08, 30.1.2008. Id-Dokument tal-Kunsill 6162/10, 5.2.2010.

13 Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1; Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4; Id-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.

14 Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4; Id-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63; Id-Direttiva 95/46/KE ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31; Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropea, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat

ta' komunikazzjoni sikura ta' dejta.[15] Ladarba tibda topera, din is-sistema ser tkun applikabbli fl-Istati Membri kollha, fl-Isvizzera, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Islanda.[16] Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport ta' progress darbtejn fis-sena lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-SIS II u l-migrazzjoni potenzjali mis-SIS tal-ewwel ġenerazzjoni.[17]

L-iżvilupp tal-**EURODAC** jista' jiġi traċċat lura għall-abolizzjoni tal-fruntieri interni, li għamilha neċessarja li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal asil. Il-EURODAC hija sistema awtomatizzata ċentralizzata ta' identifikazzjoni ta' marki tas-swaba' li tiġbor fiha d-dejta tal-marki ta' swaba' ta' ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi. Din ilha topera minn Jannar 2003, u l-iskop tagħha huwa li tiddeċiedi liema Stat Membru għandu jkun responsabbli, taħt ir-Regolament ta' Dublin, mill-analiżi ta' applikazzjoni partikolari għal asil.[18] L-individwi li jkollhom 14-il sena jew aktar u li jitolbu asil fi Stat Membru jitteħdulhom il-marki tas-swaba' awtomatikament, u dan jgħodd ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinqabdu f'rabta ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna. Permezz tat-tqabbil tal-marki tas-swaba' ta' dawn l-individwi mar-reġistru tal-EURODAC, l-awtoritajiet nazzjonali jippruvaw jistabbilixxu l-post fejn il-persuna tkun issotmettiet applikazzjoni għal asil jew minn fejn tkun daħlet fl-Unjoni Ewropea għall-ewwel darba. L-awtoritajiet jistgħu wkoll iqabblu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu nstabu fit-territorju tagħhom b'mod illegali mar-reġistru tal-EURODAC. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-lista tal-awtoritajiet li jkollhom aċċess għall-bażi tad-dejta, li tipikament tkun tinkludi l-awtoritajiet responsabbli mill-asil u l-migrazzjoni, l-għassiesa tal-fruntiera u l-pulizija. L-Istati Membri jtellgħu d-dejta rilevanti fil-bażi tad-dejta ċentrali permezz tal-punti ta' aċċess nazzjonali tagħhom. Id-dejta personali fil-EURODAC tista' tintuża biss għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-applikazzjoniet tar-Regolament ta' Dublin; kwalunkwe użu ieħor huwa suġġett għal pieni. Il-marki tas-swaba' ta' persuni li jfittxu asil jinżammu għal 10 snin; dawk ta' migranti irregolari, għal sentejn. Ir-rekords ta' dawk li jfittxu asil jitħassru ladarba jakkwistaw iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru; dawk ta' migranti irregolari jitħassru ladarba jiksbu permess ta' residenza jew ċittadinanza, jew jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. Id-Direttiva 95/46/KE tapplika għall-ipproċessar ta' dejta personali taħt dan l-istrument.[19] Il-EURODAC topera fuq in-netwerk s-TESTA tal-Kummissjoni u hija applikabbli f'kull Stat Membru, kif ukoll għan-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera. Il-ftehim li jippermetti l-konnessjoni tal-Liechtenstein għadu fil-proċess li jiġi konkluż. Il-Kummissjoni hija meħtieġa tissottometti rapporti kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ħidma tal-unità ċentrali tal-EURODAC.

Wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001, l-Istati Membri ddeċidew li jgħaġġlu l-implimentazzjoni ta' politika komuni dwar il-viża billi joħolqu forma ta' skambju ta'

---

tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

15 S-TESTA, li tfisser Servizzi Trans-Ewropej Sikuri għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet, hija netwerk ta' komunikazzjoni ta' dejta ffinanzjata mill-Kummissjoni li tippermetti l-iskambju sikur u kkriptat ta' informazzjoni bejn amministrazzjonijiet nazzjonali, istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-UE.

16 Ir-Renju Unit u l-Irlanda ser jipparteċipaw fl-SIS II bl-eċċezzjoni ta' allerti relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jinsabu fuq il-lista ta' projbizzjoni ta' dħul.

17 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008, ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI, ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1 (ir-Regolament ta' Dublin), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 2725/2000, ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1 (Ir-Regolament EURODAC). Dawn l-istrumenti jibnu fuq il-Konvenzjoni ta' Dublin tal-1990 (ĠU C 254, 19.8.1997, p. 1) li ppruvat tiddetermina liema Stat Membru għandu jeżamina l-applikazzjonijiet għal asil. Is-sistema ta' valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal asil hija magħrufa bħala 's-sistema Dublin.'

19 Id-Direttiva 95/46/KE, ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

informazzjoni dwar il-viżi għal żjajjar qosra.[20] L-abolizzjoni tal-fruntieri interni għamlitha wkoll aktar faċili li jsir abbuż mis-sistemi tal-Istati Membri. Is-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża** (VIS) għandha l-għan li tindirizza dan it-tħassib: l-iskop tagħha huwa li tgħin fl-implimentazzjoni ta' politika komuni dwar il-viża permezz tal-iffaċilitar tal-analiżi ta' applikazzjonijiet għal viżi u l-kontrolli tal-fruntieri esterni filwaqt li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna tal-Istati Membri.[21] Il-VIS ser tkun sistema ta' informazzjoni ċentralizzata li tinkludi parti nazzjonali f'kull Stat li jipparteċipa u funzjoni ta' appoġġ tekniku fi Franza. Din ser tuża sistema ta' tqabbil bijometriku li tiżgura t-tqabbil affidabbli tal-marki tas-swaba' u tivverifika l-identità ta' detenturi ta' viża fil-fruntieri esterni. Hija ser tinkludi dejta dwar applikazzjonijiet għal viża, ritratti, marki tas-swaba', deċiżjonijiet relatati ma' awtoritajiet tal-viża u konnessjonijiet bejn applikazzjonijiet relatati. L-awtoritajiet tal-viża, tal-asil, tal-immigrazzjoni u tal-kontroll tal-fruntiera ser ikollhom aċċess għal din il-bażi ta' dejta għall-finijiet li jivverifikaw l-identità ta' detenturi ta' viża u l-awtenticità tal-viżi; il-pulizija u l-Europol jistgħu jikkonsultawha għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja.[22] Il-fajls ta' applikazzjoni jkunu jistgħu jinżammu għal ħames snin. Id-dejta personali fil-VIS għandha tiġi pproċessata skont ir-regoli speċifiċi misjuba fl-istrument leġiżlattiv bażiku li jirregola din is-sistema (ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI), li jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, il-Konvenzjoni 108, il-Protokoll Addizzjonali 181 tagħha u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa[23]. Il-VIS ser tkun applikabbli f'kull Stat Membru (għajr fir-Renju Unit u fl-Irlanda), u kif ukoll fl-Isvizzera, fin-Norveġja u fl-Islanda. Hija ser topera abbażi tan-netwerk s-TESTA tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ser tevalwa din is-sistema tliet snin wara li titnieda u kull erba' snin minn dakinhar.

Fuq inizjattiva Spanjola, fl-2004 l-Kunsill adotta direttiva li tirregola t-trażmissjoni ta' **Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API)** mingħand it-trasportaturi bl-ajru lill-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntiera.[24] L-iskop ta' dan l-istrument huwa t-titjib tal-kontroll tal-fruntieri u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. Meta jintalbu, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jikkomunikaw lil dawn l-awtoritajiet l-isem, id-data tat-twelid, il-post tal-imbark u l-post tad-dħul fil-fruntiera tal-passiġġieri li jkunu qegħdin jivvjaġġaw lejn l-UE minn pajjiżi terzi. Tipikament din id-dejta personali tittieħed mill-parti tal-passaporti tal-passiġġieri li tinqara minn magna u mbagħad tintbagħat lill-awtoritajiet wara li jitlesta ċ-*check-in*. Wara l-wasla tat-titjira, l-awtoritajiet u t-trasportaturi tal-ajru jistgħu jżommu d-dejta tal-API għal 24

---

20 Il-Kunsill Straordinarju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, 20.9.2001.

21 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5; Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129. Ara wkoll id-Dikjarazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Kunsill Ewropew, 25.3.2004.

22 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129.

23 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129. Id-Direttiva 95/46/KE ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31; Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1; Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropea, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropea 108); Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali fir-rigward tal-awtoritajiet ta' sorveljanza u flussi transkonfinali ta' dejta (ETS No. 181), il-Kunsill tal-Ewropa, 8.11.2001 (Protokoll Addizzjonali Nru 181); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

24 Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24.

siegħa. Is-sistema taħdem b'mod deċentralizzat permezz ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn operaturi privati u awtoritajiet pubbliċi. L-istrument ma jippermettix l-iskambju ta' API bejn l-Istati Membri. madanakollu, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, għajr l-għassiesa tal-fruntiera, jistgħu jitolbu għal aċċess għal din l-informazzjoni għall-finijiet ta' nfurzar tal-liġi. Id-dejta personali tista' tintuża biss minn awtoritajiet pubbliċi għall-finijiet ta' kontroll tal-fruntiera u għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u għandha tiġi pproċessata skont id-Direttiva 95/46/KE.[25] Dan l-istrument jinsab fis-seħħ madwar l-UE kollha iżda jintuża biss f'għadd żgħir ta' Stati Membri. Il-Kummissjoni sejra terġa' tanalizza d-direttiva fl-2011.

Parti importanti tal-Programm tal-Kummissjoni tal-1992, li kien jistabbilixxi s-suq intern, kienet tikkonċerna l-abolizzjoni tal-kontrolli u l-formalitajiet kollha fir-rigward tal-moviment ta' oġġetti fil-Komunità.[26] L-eliminazzjoni ta' tali proċeduri fil-fruntieri interni żiedet ir-riskju ta' frodi, u għalhekk l-Istati Membri kellhom jistabbilixxu, fuq in-naħa l-waħda, mekkaniżmu ta' assistenza amministrattiva reċiproka li jgħin fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' operazzjonijiet li jsiru bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali u agrikola Komunitarja u, fuq in-naħa l-oħra, kooperazzjoni doganali bil-għan tal-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' ksur ta' dispożizzjonijiet dognali nazzjonali, prinċipalment permezz tat-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni fuq bażi transkonfinali. Bla ħsara għall-kompetenza tal-Komunità fl-unjoni doganali,[27] il-**Konvenzjoni Napli II** dwar l-assistenza u l-kooperazzjoni reċiproċi bejn l-amministrazzjonijiet doganali għandha l-għan li l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali jitpoġġew f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jipprevjenu u jiskopru ksur ta' dispożizzjonijiet doganali nazzjonali filwaqt li tgħinhom fil-prosekuzzjoni u fit-teħid ta' passi kontra ksur ta' dispożizzjonijiet doganali Komunitarji u nazzjonali.[28] Taħt dan l-istrument, għadd ta' unitajiet ċentrali ta' koordinazzjoni jitolbu assistenza bil-miktub mill-kontrapartijiet tagħhom fi Stati Membri oħrajn għal investigazzjonijiet kriminali dwar ksur ta' regoli doganali nazzjonali u Komunitarji. Dawn l-unitajiet jistgħu jipproċessaw biss dejta personali għall-finijiet tal-Konvenzjoni Napli II. Dawn jistgħu jibagħtu din l-informazzjoni lil awtoritajiet doganali nazzjonali, jinvestigaw awtoritajiet u korpi ġudizzjarji u, suġġett għal kunsens minn qabel mill-Istat Membru li jissupplixxi d-dejta, lil awtoritajiet oħrajn. Id-dejta tista' tinżamm għal perjodu li ma jaqbiżx il-limitu meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun ingħatat. Id-dejta personali fl-Istat Membru riċevitur tgawdi mill-istess livell ta' protezzjoni tal-Istat Membru li jissupplixxi u l-ipproċessar tagħha għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u tal-Konvenzjoni Nru 108 tal-Kunsill tal-Ewropa.[29] Il-Konvenzjoni Napli II ġiet irratifikata minn kull Stat Membru. Dawn jistgħu jipproponu li jsirulha emendi, u wara dan it-test emendat ikollu jiġi adottat mill-Kunsill tal-Ministri u rratifikat mill-Istati Membri.

Tikkumplimenta l-Konvenzjoni Napli II hemm is-**Sistema ta' Informazzjoni Doganali** (CIS) li tagħmel użu mit-teknoloġija tal-informazzjoni għal għajnuna fil-prevenzjoni, l-

---

25 Id-Direttiva 95/46/KE, ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

26 Ir-Regolament (KEE) 2913/92, ĠU L 302, 19.10.1992.

27 Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli, ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1, emendat bir-Regolament (KE) Nru 766/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 48.

28 Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar assistenza u kooperazzjoni reċiproċi bejn l-amministrazzjonijiet doganali, ĠU C 24/2, 23.1.1998 (il-Konvenzjoni Napli II).

29 Id-Direttiva 95/46/KE ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108).

investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju ta' liġijiet nazzjonali billi żżid, permezz tat-tixrid rapidu ta' informazzjoni, l-effikaċja tal-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.[30] Is-CIS, li hija ġestita mill-Kummissjoni, hija sistema ta' informazzjoni ċentralizzata aċċessibbli permezz ta' terminali f'kull Stat Membru u fil-Kummissjoni, fil-Europol u fil-Eurojust. Hija tinkludi dejta personali b'referenza għal prodotti, mezzi ta' trasport, negozji, persuni u oġġetti u kontanti li jinżammu, jinqabdu jew jiġu kkonfiskati. Id-dejta personali hija magħmula minn ismijiet u psewdonimi, data u post tat-twelid, nazzjonalità, sess, karatteristiċi fiżiċi, dokumenti tal-identità, indirizz, kwalunkwe każ preċedenti ta' vjolenza, ir-raġuni għaliex tkun iddaħħlet id-dejta fis-CIS, azzjoni ssuġġerita u r-reġistrazzjoni tal-mezzi ta' trasport. Fil-każ li jinżammu, jinqabdu jew jiġu kkonfiskati oġġetti u kontanti, fis-CIS ikunu jistgħu jiddaħħlu biss dejta bijografika u indirizz. Tali informazzjoni tista' tintuża biss għal finijiet ta' dhir, irrappurtar jew it-twettiq ta' spezzjonijiet partikolari jew kontrolli speċifiċi fuq, jew għal analiżijiet strategiċi u operazzjonali dwar, persuni ssuspettati li jkunu kisru dispożizzjonijiet doganali nazzjonali. Awtoritajiet nazzjonali tad-dwana, tat-tassazzjoni, agrikoli, tas-saħħa pubblika u awtoritajiet tal-pulizija jistgħu jaċċessaw dejta mis-CIS.[31] L-ipproċessar ta' dejta personali għandu jkun konformi mar-regoli speċifiċi stabbiliti mis-CIS u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-Konvenzjoni 108 u r-Rakkomadazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa.[32] Id-dejta personali tista' tiġi kkupjata biss mis-CIS għal fuq sistemi oħrajn li jipproċessaw id-dejta għal analiżi tal-ġestjoni tar-riskju jew analiżi operazzjonali, u l-uniċi persuni li jkunu jistgħu jaċċessawha jkunu l-analisti maħtura mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni. Id-dejta personali kkupjata mis-CIS tkun tista' tinżamm biss għall-perjodu ta' żmien meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ikkupjata u mhux għal aktar minn 10 snin. Is-CIS tistabbilixxi wkoll **Bażi ta' dejta ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali** (FIDE) li tgħin fil-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali.[33] Il-FIDE tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mit-tmexxija ta' investigazzjonijiet doganali u d-dipartimenti relevanti tal-Kummissjoni li, meta jiftħu fajl ta' investigazzjoni, jidentifikaw awtoritajiet oħrajn li possibbilment ikunu diġà investigaw persuna jew negozju partikolari. Dawn l-awtoritajiet jistgħu jdaħħlu dejta fil-FIDE mill-fajls ta' investigazzjoni tagħhom, fosthom dejta bijografika ta' persuni taħt investigazzjoni u l-isem tan-negozju, l-isem tal-kummerċ, in-numru tal-VAT u l-indirizz ta' negozji li jkunu qegħdin jiġu investigati. Id-dejta li s-sors tagħha jkunu fajls ta' investigazzjoni fejn ma tkun instabet l-ebda frodi doganali tista' tinżamm għal mhux aktar minn tliet snin; dejta minn fajls fejn ikun instab każ

---

30 Il-Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni għal skopijiet doganali, ĠU C 316, 27.11.1995, p. 34, emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20.

31 Minn Mejju 2011, il-Europol u l-Eurojust ser ikollhom ukoll aċċess għas-CIS abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20).

32 Il-Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni għal skopijiet doganali, ĠU C 316, 27.11.1995, p. 34, emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI, ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20; Id-Direttiva 95/46/KE ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31; Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

33 Il-FIDE, li tfisser *d'Identification des Dossiers d'Enquêtes douanières*, hija msejsa fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 766/2008 u l-Protokoll stabblit skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jemenda, fir-rigward tal-ħolqien ta' bażi ta' dejta ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali, il-Konvenzjoni dwar l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni għal finijiet doganali, ĠU C 139, 13.6.2003, p. 1.

ta' frodi doganali tkun tista' tinżamm għal mhux aktar minn sitt snin; u dawk il-fajls fejn tkun inħarġet sentenza jew penali jkunu jista' jinżammu għal mhux aktar minn 10 snin. Is-CIS u l-FIDE jużaw in-Netwerk komuni ta' komunikazzjoni, Netwerk komuni ta' *interface* tas-sistema jew aċċess sikur tal-web ipprovdut mill-Kummissjoni. Is-CIS tinsab fis-seħħ fl-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tirrapporta kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-operat tas-CIS.

Strumenti tal-UE bil-għan tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u ta' forom oħra ta' reati kriminali transkonfinali serji

L-attakki terroristiċi f'Madrid ta' Marzu 2004 rriżultaw f'diversi inizjattivi ġodda fil-livell tal-UE. Fuq talba tal-Kunsill Ewropew, fl-2005 l-Kummissjoni ppreżentat proposta għal strument li jirregola l-iskambju ta' informazzjoni taħt il-prinċipju tad-disponibbiltà.[34] Minflok ma approva din il-proposta, fl-2006 l-Kunsill adotta l-**inizjattiva Svediża**, li tissimplifika l-iskambju bejn l-Istati ta' kull informazzjoni eżistenti jew *intelligence* kriminali li tista' tkun neċessarja għal investagazzjoni kriminali jew għal operazzjoni ta' *intelligence* kriminali.[35] Dan l-istrument huwa msejjes fuq il-prinċipju ta' politika 'aċċess ekwivalenti', li jfisser li l-kundizzjonijiet applikabbli għall-iskambju transkonfinali ta' dejta ma għandhomx ikunu aktar stretti minn dawk li jirregolaw l-aċċess domestiku. L-inizjattiva Svediża topera f'manjiera deċentralizzata u tagħti l-possibbiltà li l-pulizija, l-awtoritajiet doganali u kwalunkwe awtorità oħra mogħnija bis-setgħa li tinvestiga reati kriminali (bl-eċċezzjoni tas-servizzi tal-*intelligence*, li tipikament jittrattaw *intelligence* relatata mas-sigurtà nazzjonali jew tal-Istat) jikkondividu informazzjoni u *intelligence* kriminali mal-kontrapartijiet tagħhom fl-UE. L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt nazzjonali li jittrattaw talbiet uġenti għal informazzjoni. Din il-miżura tistabbilixxi skadenzi ċari għall-iskambju ta' informazzjoni u tirrekjedi lill-Istati Membri li jimlew formola meta jagħmlu talbiet għal dejta. L-Istati Membri huma meħtieġa li jirrispondu għal talbiet għal informazzjoni u ta' *intelligence* fi żmien 8 sigħat f'każi urġenti, fi żmien ġimgħa f'każi mhux urġenti u fi żmien ġimagħtejn fil-każi l-oħrajn kollha. L-użu ta' informazzjoni u *intelligence* miksuba permezz ta' dan l-istrument hija suġġetta għal liġijiet domestiċi dwar il-protezzjoni tad-dejta, u f'dan l-ambitu l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw trattament differenzjali bejn dik l-informazzjoni b'sors domestiku u dik li tkun ġejja minn Stati Membri oħrajn. Madanakollu, l-Istat Membru li jissupplixxi l-informazzjoni jista' jistabbilixxi kundizzjonijiet dwar l-użu ta' informazzjoni jew *intelligence* fi Stati Membri oħrajn. Id-dejta personali għandha tiġi pproċessata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta, u anke f'konformità mal-Konvenzjoni 108, il-Protokoll Addizzjoni 181 tagħha u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa.[36] Mill-31 firmatarju (fosthom l-Istati Membri tal-UE, u kif ukoll in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein), 12 minnhom adottaw leġiżlazzjoni nazzjonali biex jimplimentawha; ħames stati jimlew il-formola għal talba għal informazzjoni b'mod regolari;

---

34 COM(2005) 490, 12.10.2005; Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza — Il-Programm tal-Aja, 4/5.11.2004. Ara wkoll id-Dikjarazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Kunsill Ewropew, 25.3.2004.

35 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89.

36 Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108); Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali fir-rigward tal-awtoritajiet ta' sorveljanza u flussi transkonfinali ta' dejta (ETS No. 181), il-Kunsill tal-Ewropa, 8.11.2001 (Protokoll Addizzjonali Nru 181); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

iżda huma biss żewġ stati li jużawha fuq bażi frekwenti għall-iskambju ta' informazzjoni.[37] Il-Kummissjoni għandha tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha lill-Kunsill sa qabel tmiem l-2010.

Id-**Deċiżjoni ta' Prüm** tibni fuq ftehim konkluż mill-Ġermanja, Franza, Spanja, l-Istati tal-Benelux u l-Awstrija fl-2005 biex tiżdied il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità transkonfinali u l-migrazzjoni irregolari. Fi tweġiba għall interess muri minn diversi Stati Membru li jissieħbu ma' dan il-ftehim, matul il-presidenza tagħha fl-2007 l-Presidenza Ġermaniża pproponiet li tittrasformah fi strument tal-UE. Id-Deċiżjoni ta' Prüm tal-2008, li għandha tiġi implimentata sa Awwissu 2011, tistabbilixxi r-regoli għall-iskambju transkonfinali ta' profili ta' DNA, marki tas-swaba', dejta dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi u informazzjoni dwar individwi suspettati bi pjani ta' attakki terroristiċi.[38] Hija tipprova ttejjeb il-prevenzjoni ta' reati kriminali, partikolarment it-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u żżomm l-ordni pubbliku f'konnessjoni ma' avvenimenti maġġuri. Din is-sistema ser taħdem b'mod deċentralizzat b'interkonnessjoni, permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali, bejn il-bażijiet tad-dejta tad-DNA, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni ta' vetturi tal-Istati li jipparteċipaw fiha. Permezz tan-netwerk s-TESTA tal-Kummissjoni, il-punti ta' kuntatt ser ikunu jistgħu jittrattaw talbiet li jidħlulhom u li jagħmlu huma għal tqabbil transkonfinali ta' profili tad-DNA, marki tas-swaba' u dejta dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi. Is-setgħat tagħhom li jittrażmettu tali dejta lil utenti finali huma kkontrollati mil-liġi nazzjonali. Minn Awwissu 2011, it-tqabbil tad-dejta ser iseħħ b'mod għalkollox awtomatizzat. Madanakollu, l-Istati Membri għandhom jgħaddu minn proċess rigoruż ta' evalwazzjoni (jivvalutaw, b'mod partikolari, il-konformità tagħhom ma' rekwiżiti ta' protezzjoni tad-dejta u rekwiżiti tekniċi) biex jirċievu l-awtorizzazzjoni biex jibdew kondiviżjoni awtomatizzata ta' dejta. Id-dejta personali ma tistax tiġi skambjata taħt dan l-istrument sakemm l-Istati Membri ma jiggarantux livell ta' protezzjoni tad-dejta li minn tal-anqas ikun ugwali għal dak li jirriżulta minn Konvenzjoni 108, il-Protokoll Addizzjonali 181 tiegħu u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa.[39] Il-Kunsill ser jiddeċiedi b'mod unanimu jekk il-kundizzjonijiet ikunux intlaħqu. L-informazzjoni personali tista' tintuża biss għall-finijiet li tkun ingħatat, sakemm l-Istat Membru li jagħti l-informazzjoni ma jagħtix il-kunsens tiegħu biex tintuża għal finijiet oħrajn. L-individwi jistgħu wkoll jitolbu lill-uffiċjali nazzjonali tagħhom responsabbli mill-protezzjoni tad-dejta, maħtura skont id-Direttiva 95/46/KE, biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom dwar l-ipproċessar ta' dejta personali. It-tqabbil ta' profili tad-DNA u tal-marki tas-swaba' ser jopera fuq bażi ta' 'sejba/l-ebda sejba' (anonima), fejn l-awtoritajiet ser ikunu jistgħu jitolbu informazzjoni personali dwar suġġett ta' dejta biss fil-każ li t-tiftixa oriġinali tkun wasslet għal sejba ta' informazzjoni. Normalment dawn it-talbiet għal informazzjoni addizzjonali ser jingħaddew permezz tal-inizjattiva Svediża. Id-Deċiżjoni ta' Prüm tinsab fil-fażi ta' implimentazzjoni madwar is-27 Stat tal-UE; filwaqt li n-Norveġja u l-

---

37 Din l-informazzjoni hija bbażata fuq tweġibiet għal kwestjonarju li r-riżultati tiegħu ġew ippreżentati mill-presidenza Spanjola tal-Kunsill f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni fit-22 ta' Ġunju 2010.

38 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI, ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

39 Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropea 108); Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali fir-rigward tal-awtoritajiet ta' sorveljanza u flussi transkonfinali ta' dejta (ETS No. 181), il-Kunsill tal-Ewropa, 8.11.2001 (Protokoll Addizzjonali Nru 181); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

Islanda jinsabu fil-proċess li jaderixxu magħha.[40] Il-Kummissjoni għandha tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha lill-Kunsill fl-2012.

Fit-tweġiba għall-attakki bil-bombi li saru f'Londra f'Lulju 2005, ir-Renju Unit, l-Irlanda, l-Isvezja u Franza pproponew l-adozzjoni ta' strument tal-UE għall-armonizzazzjoni ta' regoli nazzjonali applikabbli għaż-żamma ta' dejta. Id-**Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta** tal-2006 tobbliga lill-fornituri ta' servizzi ta' telefonija u internet biex iżommu, għall-finijiet ta' investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja, traffiku ta' komunikazzjoni elettronika u dejta dwar il-lok, u kif ukoll informazzjoni dwar abbonati (fosthom numru tat-telefon, indirizz IP u identifikatur ta' tagħmir mobbli).[41] Id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta la tirregola l-aċċess, u lanqas l-użu ta' dejta miżmuma minn awtoritajiet nazzjonali. L-ambitu tagħha jeskludi b'mod espliċitu l-kontenut ta' komunikazzjoni elettronika; fi kliem ieħor, dan l-istrument ma jippermettix it-tbagħbis ta' linji tat-telefon biex jissemma' x'ikun qiegħed jingħad (wiretapping). Din il-miżura tħalliha f'idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu 'reati kriminali serji'. L-Istati Membri jiddeterminaw ukoll liema awtoritajiet nazzjonali jistgħu jingħataw aċċess għal tali dejta fuq bażi ta' każ b'każ u l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni. Il-perjodu taż-żamma tad-dejta jvarja bejn 6 xhur u 24 xahar. Id-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE jirregolaw il-protezzjoni tad-dejta personali taħt dan l-istrument.[42] Sitt Stati Membri għadhom ma ttrasponewx bis-sħiħ din il-miżura, u l-qrati kostituzzjonali fil-Ġermanja u r-Rumanija ddikjaraw li l-leġiżlazzjoni implimentattiva nazzjonali tmur kontra l-kostituzzjoni. Il-qorti kostituzzjonali Ġermaniża sabet li r-regoli li jirregolaw l-aċċess u l-użu tad-dejta, kif stipulati fil-liġi nazzjonali, kienu jmorru kontra l-kostituzzjoni[43]. Il-qorti kostituzzjonali Rumena sabet li ż-żamma ta' dejta *per se* kienet tikser l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) u għalhekk tmur kontra l-kostituzzjoni.[44] Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tevalwa dan l-istrument u tard fl-2010 għandha tressaq ir-rapport ta' valutazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-ħolqien ta' **Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali** (ECRIS), li għadu għaddej, imur lura għal inizjattiva Belġjana fl-2004 li ppruvat tiskwalifika lil dawk ħatja ta' reati sesswali milli jaħdmu mat-tfal fi Stati Membri oħra. Fl-imgħoddi l-Istati Membri kienu jiddependu fuq il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali biex jiskambjaw informazzjoni dwar il-kundanni taċ-ċittadini tagħhom, iżda eventwalment din is-sistema wriet li ma kinitx waħda effiċjenti.[45] Il-Kunsill ħa l-ewwel pass favur ir-riforma permezz tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/867/ĠAI, li kienet titlob li kull Stat Membru jistabbilixxi awtorità ċentrali li, f'intervalli regolari, tibgħat il-kundanni kollha li jkunu nħarġu fil-konfront ta' persuni li ma jkunux ċittadini tagħha lill-Istat(i) Membr/i li tagħha l-persuna kkundannata jkollha ċ-ċittadinanza.[46] Dan l-istrument

---

40 Sal-lum, għaxar Stati Membri ngħataw l-awtorizzazzjoni li jibdew l-iskambju awtomatizzat ta' profili tad-DNA, ħamsa ġew awtorizzati għall-marki tas-swaba' u sebgħa għal dejta dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi. il-Ġermanja, l-Awstrija, Spanja u l-Pajjiżi l-Baxxi(skont il-lista l-ġdida) pprovdew statistika parzjali lill-Kummissjoni dwar l-użu li qegħdin jagħmlu minn dan l-istrument.

41 Id-Direttiva 2006/24/KE, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54.

42 Id-Direttiva 95/46/KE ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31; Id-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37 (id-Direttva dwar il-Privatezza elettronika).

43 Is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża, Bundesverfassunggericht 1 BvR 256/08, 11.3.2008.

44 Id-Deċiżjoni Nru 1258 tal-Qorti Kostituzzjonali Rumena, 8.10.2009.

45 Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali (ETS Nru 30), il-Kunsill tal-Ewropa, 20.4.1959. Ara wkoll COM(2005) 10, 25.1.2005.

46 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/876/ĠAI, ĠU L 322, 9.12.2005, p. 33.

ippermetta wkoll lill-Istati Membri li jiksbu, għall-ewwel darba u suġġett għal-liġi nazzjonali, il-kundanni preċedenti li jkunu ngħataw fil-konfront taċ-ċittadini tagħhom fi Stati Membri oħrajn. Huma setgħu jitolbu tali informazzjoni billi jimlew formola standardizzata u mhux permezz ta' proċeduri reċiproki ta' assistenza legali. Fl-2006 u l-2007, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett leġiżlattiv komprensiv li kien jikkonsisti minn tliet strumenti: Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/675/ĠAI li tobbliga lill-Istati Membri li jikkunsidraw kundanni preċedenti fi proċedimenti kriminali ġodda; Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali; u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, li stabbilixxa l-ECRIS bħala l-mezz tekniku ta' skambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali.[47] Id-Deċiżjonijiet Kwadru 2009/315/ĠAI and 2009/316/ĠAI, li għandhom jiġu implimentati sa April 2012, għandhom l-għan li jiddefinixxu l-mezzi li permezz tagħhom l-Istat Membru li jagħti kundanna għandu jibgħat informazzjoni dwar kundanna ġdida lil Stat(i) Membru/i li tiegħu l-persuna kkundannata jkollha ċ-ċittadinanza, l-obbligi taż-żamma, u qafas għal sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni. L-ECRIS ser tkun sistema ta' informazzjoni deċentralizzata li permezz tagħha tinħoloq interkonnessjoni bejn il-bażi tad-dejta tar-rekords kriminali tal-Istati Membri permezz tan-netwerk s-TESTA tal-Kummissjoni. Sett ta' awtoritajiet ċentrali jiskambjaw dejta dwar il-kundanni ġodda u r-rekords kriminali mgħoddija taċ-ċittadini. Id-dejta ser tkun kkriptata, struttura skont format predeterminat u tinkludi dan li ġej: dettalji bijografiċi; il-kundanna, is-sentenza u r-reat li jkun twettaq; u informazzjoni addizzjonali (fosthom il-marki tas-swaba', jekk ikunu disponibbli). Minn April 2012, għandhom jiġu pprovduti estratti minn rekords kriminali għal proċedimenti kriminali li jkunu għaddejjin u jintbagħtu lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew lill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti, bħal korpi awtorizzati li jeżaminaw persuni fir-rigward ta' impjiegi sensittivi jew sjieda ta' armi tan-nar. Id-dejta personali li tingħata għal proċedimenti kriminali tista' tintuża biss għal dawn il-finijiet; l-użu ta' kwalunkwe finijiet oħra tkun tirrekjedi l-kunsens mill-Istat Membri li jagħti d-dejta. L-ipproċessar ta' dejta personali għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, li tinkorpora r-regoli tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/876/ĠAI, u kif ukoll id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI u l-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa.[48] Għal kwalunkwe dejta personali pproċessata minn istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' ECRIS, pereżempju biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta, japplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001.[49] Dan il-pakkett leġiżlattiv ma fihx regoli dwar iż-żamma ta' dejta, billi ż-żamma ta' informazzjoni b'rabta ma' kundanni kriminali hija rregolata mil-liġi nazzjonali. Bħalissa ħmistax-il Stat Membru qegħdin jipparteċipaw fi proġett pilota, u disgħa minnhom bdew skambju elettroniku ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali. Il-Kummissjoni għandha tissottometti żewġ rapporti ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' dan il-pakkett leġiżlattiv. Id-Deċiżjoni Kwadru 2008/675/ĠAI ser tiġi analizzata mill-ġdid fl-2011; Id-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI ser tiġi analizzata mill-ġdid fl-2015. Mill-2016, il-Kummissjoni għandha wkoll tippubblika rapporti regolari dwar il-ħidma ta' ECRIS.

---

47 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/675/ĠAI, ĠU L 220, 15.8.2008, p. 32; Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33. Ara wkoll COM(2005) 10, 25.1.2005.

48 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/876/ĠAI, ĠU L 322, 9.12.2005, p. 33; Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108).

49 Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Fuq inizjattiva Finlandiża, fis-sena 2000 il-Kunsill adotta strument li jorganizza l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-**Unitajiet ta' *Intelligence* Finanzjarja** (FIUs) għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u, aktar tard, tal-iffinanzjar tat-terroriżmu.[50] Tipikamanet l-FIUs huma stabbiliti fi ħdan aġenziji tal-infurzar tal-liġi, awtoritajiet ġudizzjarji jew korpi amministrattivi li jirrappurtaw lil awtoritajiet finanzjarji. Huma obbligati jikkondividu d-dejta finanzjarja jew tal-infurzar tal-liġi neċessarja, inkluż id-dettalji ta' tranżazzjonijiet finanzjarji, mal-kontrapartijiet tagħhom fl-UE, għajr f'każi fejn tali żvelar ikun sproporzjonat fil-konfront tal-interessi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi. L-informazzjoni li tiġi pprovduta għall-finijiet tal-analiżi jew l-investigazzjoni ta' ħasil ta' flus jew iffinanzjar terroristiku tista' tintuża wkoll għal investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali sakemm l-Istat Membru li jipprovdi d-dejta jipprojbixxi dan l-użu. L-ipproċessar ta' dejta personali għandu jirrispetta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, il-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa u r-Rakkomandazzjoni tagħha dwar il-Pulizija.[51] Fl-2002, diversi Stati Membri stabbilixxew l-FIU.net, applikazzjoni ta' netwerk deċentralizzata li tittratta l-iskambju ta' dejta bejn l-FIUs u li topera fuq in-netwerk s-TESTA tal-Kummissjoni.[52] Din l-inizjattiva għandha għoxrin FIU bħala membri. Għaddejjin diskussjonijiet dwar l-użu tal-applikazzjoni SIENA tal-Europol biex jopera l-FIU.net.[53] Wara li vvalutaw il-konformità tal-Istati Membri ma' dan l-istrument, il-Kunsill ta s-setgħa lill-FIUs, fit-Tielet Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus, li jirċievu, janalizzaw u jxerrdu rapporti dwar tranżazzjoni suspettużi relatati mal-ħasil tal-flus *u* l-iffinanzjar ta' terroristi.[54] Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji, il-Kummissjoni ilha mill-2009 tanalizza l-implimentazzjoni tat-Tielet Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus.[55]

Fuq inizjattiva proposta mill-Awstrija, il-Belġju u l-Finlandja, fl-2007 l-Kunsill adotta strument li l-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-**Uffiċċji tal-Irkupru ta' Assi** (AROs) fl-ittraċċar u l-identifikar tar-rikavati minn attività kriminali.[56] L-istess bħall--FIUs, l-AROs jikkooperaw fuq bażi deċentralizzata, għalkemm m'għandhomx il-benefiċċju ta' pjattaforma onlajn. Huma obbligati jużaw l-inizjattiva Svediża biex jiskambjaw informazzjoni, jispeċifikaw id-dettallji tal-proprjetà li tkun fil-mira ta' azzjoni, bħal kontijiet tal-bank, proprjetà immobbli u vetturi, u kif ukoll id-dettalji tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu mfittxija, fosthom l-isem, l-indirizz, id-data tat-twelid u informazzjoni dwar ishma u kumpaniji. L-użu ta' informazzjoni skambjata taħt dan l-istrument hija suġġetta għal liġijiet domestiċi dwar il-protezzjoni tad-dejta, u f'dan l-ambitu l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw trattament differenzjali bejn dik l-informazzjoni b'sors domestiku u dik li tkun ġejja minn Stati Membri oħrajn. L-ipproċessar ta' dejta personali għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 108, il-Protokoll Addizzjonali 181 tagħha u r-

---

50 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI, ĠU L 271, 24.10.2000, p. 4.

51 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

52 http://www.fiu.net/

53 SIENA tfisser Applikazzjoni ta' Netwerk Sikura għall-Iskambju ta' Informazzjoni.

54 Id-Direttiva 2005/60/KE, ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15 (it-Tielet Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus).

55 Ara, pereżempju, l-Evalwazzjoni tal-impatti ekonomiċi tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji — Rapport finali (ara l-Kummissjoni Ewropea, DĠ MARKT), CRA International, 03.2009.

56 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI, ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103.

Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa.[57] Sal-lum, aktar minn għoxrin Stat Membru stabbilixxew AROs. Fid-dawl tan-natura sensittiva tal-informazzjoni li tiġi skambjata, għaddejjin diskussjonijiet dwar l-użu tal-applikazzjoni SIENA għall-iskambju ta' dejta bejn AROs differenti. Fi proġett pilota mniedi f'Mejju 2010, tnax-il ARO bdew jużaw is-SIENA biex jiskambjaw informazzjoni relevanti għat-traċċar ta' assi. Fl-2010 l-Kummissjoni hija mitluba tissottometti rapport ta' evalwazzjoni lill-Kunsill.

Fl-2008, il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu **Pjattaformi Nazzjonali ta' Allert dwar iċ-Ċiberkriminalità**, filwaqt lill-Europol stednitha toħloq Pjattaforma Ewropea ta' Allert dwar iċ-Ċiberkriminalità, bil-għan li jiġbru, janalizzaw u jiskambjaw informazzjoni dwar reati li jitwettqu fuq l-internet[58]. Iċ-ċittadini jkunu jistgħu jirrapportaw dwar każi ta' kontenut jew imġiba illeċita li jaraw fuq l-internet lill-pjattafformi nazzjonali tagħhom. Il-Pjattaforma Ewropea kontra ċ-Ċiberkriminalità (ECCP), ġestita mill-Europol, tkun taġixxi bħala pern ta' informazzjoni għall-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni relatata maċ-ċiberkriminalità li taqa' taħt il-mandat tal-Europol mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-infurzar tal-liġi.[59] Sal-lum, kważi l-Istati Membri kollha stabilixxew pjattaformi nazzjonali ta' allert dwar iċ-ċiberkriminalità. Il-Europol qiegħda taħdem fuq l-implimentazzjoni teknika tal-ECCP u huwa possibbli li fi ftit żmien tibda tuża l-applikazzjoni SIENA biex ittejjeb l-iskambju ta' dejta ma' pjattaformi nazzjonali. Safejn tali skambju ta' informazzjoni jkollu x'jaqsam mal-ipproċessar ta' dejta personali mill-Europol, ikunu japplikaw ir-regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-dejta li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Europol (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI), u kif ukoll ir-Regolament (KE) 45/2001, il-Konvenzjoni 108, il-Protokoll Addizzjoni Nru 181 tagħha u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa.[60] Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI jirregolaw l-iskambju ta' dejta personali bejn l-Istati Membri u l-Europol.[61] Fin-nuqqas ta' strument legali, ma hemm l-ebda mekkaniżmu formali ta' valutazzjoni għall-pjattaforma ta' allert dwar iċ-ċiberkriminalità. Madanakollu, il-Europol diġà tkopri dan il-qasam importanti u, fil-ġejjieni, ser tirrapporta dwar l-attivitajiet tal-ECCP fir-Rapport

---

57 Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108); Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali fir-rigward tal-awtoritajiet ta' sorveljanza u flussi transkonfinali ta' dejta (ETS No. 181), il-Kunsill tal-Ewropa, 8.11.2001 (Protokoll Addizzjonali Nru 181); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

58 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjattaforma Ewropea ta' allert għar-rappurtar ta' reati nnutati fuq l-Internet, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, 24.10.2008; Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni ta' strateġija koordinata għall-ġlieda kontra l-kriminalità, Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, 26.4.2010. Il-Europol semmiet il-proġett 'Pjattaforma Ewropea kontra ċ-Ċiberkriminalità' (ECCP).

59 L-għanijiet tal-Europol huma l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħra ta' reati kriminali serji li jolqtu lil żewġ Stati Membri jew aktar. Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

60 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37; Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropea, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108); Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali fir-rigward tal-awtoritajiet ta' sorveljanza u flussi transkonfinali ta' dejta (ETS No. 181), il-Kunsill tal-Ewropa, 8.11.2001 (Protokoll Addizzjonali Nru 181); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropea, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

61 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

Annwali tagħha li ser tressaq biex jiġi approvat mill-Kunsill u għall-informazzjoni tal-Parlament Ewropew.

L-aġenziji u l-korpi tal-UE li għandhom mandat li jassistu lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali transkonfinali serji

L-**Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija** (Europol) twaqqaf fl-1995, beda jopera fl-1999, u sar aġenzija tal-UE f'Jannar 2010.[62] L-għan tiegħu huwa li jgħin lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħra ta' reati kriminali serji li jolqtu lil żewġ Stati Membri jew aktar. Il-kompiti ewlenin tiegħu jinkludu l-ġbir, iż-żamma, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence*; l-assistenza f'investigazzjonijiet; u l-għoti ta' *intelligence* u appoġġ analitiku lill-Istati Membri. Il-korpi ewlenin ta' kollegament bejn il-Europol u l-Istati Membri huma l-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (ENUs), li jissekondaw uffiċjali ta' kollegament lill-Europol. Il-kapijiet tal-ENUs jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jassistu lill-Europol f'materji operazzjonali, filwaqt li l-iffunzjonar tal-aġenzija huwa kkontrollat mill-bord amministrattiv u d-direttur tagħha. L-istrumenti ta' ġestjoni ta' informazzjoni tal-Europol jinkludu s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS), Fajls ta' Ħidma Analitika (AWF) u l-applikazzjoni SIENA. L-EIS tiġbor fiha d-dejta personali, inkluż, fost l-oħrajn, l-identifikaturi bijometriċi, il-kundanni kriminali u r-rabtiet ma' kriminalità organizzata, ta' persuni suspettati li wettqu reati li jaqgħu taħt il-mandat tal-Europol. L-aċċess huwa limitat għall-ENUs, l-uffiċjali ta' kollegament, il-persunal awtorizzat u d-direttur tal-Europol. l-AWFs, li jinfetħu bil-għan li tingħata għajnuna f'investigazzjonijiet kriminali, jinkludu dejta dwar individwi u kwalunkwe informazzjoni oħra li l-ENUs jistgħu jiddeċiedu li jżidu. L-aċċess jingħata lill-uffiċjali ta' kollegament, iżda huma biss l-analisti tal-Europol li jistgħu jdaħħlu dejta f'dawn il-fajls. Sistema ta' indiċi tippermetti lill-ENUs u lill-uffiċjali ta' kollegament li jivverifikaw jekk AWF ikollux informazzjoni ta' interess għall-Istat Membru tagħhom. Kull ma jmur l-applikazzjoni SIENA tal-Europol qiegħda tintuża dejjem aktar mill-Istati Membri għall-iskambju ta' dejta sensittiva għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Il-Europol tista' tipproċessa informazzjoni u *intelligence*, fosthom dejta personali, biex iwettaq il-kompiti tiegħu; L-Istati Membri jistgħu jużaw l-informazzjoni li jieħdu mill-fajls ta' dejta tal-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali serji ta' natura transkonfinali biss. Kwalunkwe restrizzjoni li titpoġġa fuq l-użu ta' informazzjoni minn Stat Membri li jissupplixxiha tapplika wkoll għal utenti oħrajn li jaċċessaw din id-dejta mill-fajls tad-dejta tal-Europol. Il-Europol jista' wkoll jiskambja informazzjoni personali ma' pajjiżi terzi li jkunu kkonludew ftehimiet operazzjonali mal-Europol u jiggarantixxu livell xieraq ta' protezzjoni tad-dejta. Huwa jista' jżomm id-dejta jekk dan ikun neċessarju għall-qadi tal-kompiti tiegħu biss. L-AWFs jistgħu jinżammu għal mhux aktar minn tliet snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' tliet snin oħra. L-ipproċessar tad-dejta personali min-naħa tal-Europol għandu jkun konformi mar-regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-dejta fl-istrument li jirregola tiegħu (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI), u kif ukoll ir-Regolament (KE) 45/2001, il-Konvenzjoni 108, il-Protokoll Addizzjonali 181 tagħha u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa.[63] Id-dispożizzjonijiet tad-

---

62 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37, li tissostitwixxi l-Konvenzjoni bbażata fuq l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, ĠU C 316, 27.11.1995, p. 2.

63 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37; Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1; Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali (ETS Nru 108), il-Kunsill tal-Ewropa, 28.1.1981 (il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 108); Il-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali fir-rigward tal-awtoritajiet ta' sorveljanza u

Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI japplikaw għall-iskambju ta' dejta personali bejn l-Istati Membri u l-Europol.[64] Korp ta' Sorveljanza Konġunta, magħmul minn membri ta' korpi nazzjonali ta' sorveljanza, iwettaq monitoraġġ ta' dejta personali mill-Europol, u kif ukoll it-trażmissjoni, min-naħa tal-Europol, ta' dejta personali lil partijiet oħrajn. Dan jibgħat rapporti regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Europol iressaq rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu għall-approvazzjoni tal-Kunsill u għall-informazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Barra mill-impatt li ħallew fuq diversi strumenti msemmija aktar 'il fuq, l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, dawn wasslu għat-twaqqif tal-**Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjara tal-Unjoni Ewropea** (Eurojust) fl-2002.[65] Il-Eurojust huwa korp tal-UE bil-għan li jtejjeb il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fi Stati Membri u jqawwi l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Huwa jkopri l-istess tipi ta' kriminalità u reati kriminali bħall-Europol. F'dak il-mandat u għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom, is-27 membru nazzjonali tal-Eurojust li flimkien jagħmlu l-Kulleġġ, għandhom aċċess għad-dejta personali ta' suspettati u ta' awturi ta' ksur. Fost l-oħrajn, din id-dejta tinkludi dan li ġej: informazzjoni bijografika, dettalji ta' kuntatt, dejta dwar reġistrazzjoni ta' vetturi, profili tad-DNA, ritratti, marki tas-swaba', u kif ukoll dejta dwar traffiku, lok u abbonati pprovduti mill-forniturі ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni. L-Istati Membri huma mistennija jiskambjaw tali informazzjoni mal-Eurojust u jippermettulha li twettaq il-kompiti tagħha. Kull dejta personali relatata ma' każi għandha tiddaħħal fis-sistema awtomatizzata tal-ġestjoni tal-każi tal-Eurojust, li topera fuq in-netwerk s-TESTA tal-Kummissjoni. Sistema ta' indiċi taħżen id-dejta personali u mhux personali relevanti għal investigazzjonijiet li jkunu jinsabu għaddejjin. Il-Eurojust jista' jipproċessa dejta personali għat-twettiq tal-kompiti tagħha, iżda tali operazzjonijiet għandhom ikunu konformi mar-regoli speċifiċi li jinsabu fl-istrument li jirregola tal-Eurojust infisha (2009/426/ĠAI), u kif ukoll mal-Konvenzjoni 108, il-Protokoll Addizzjonali Nru 181 tagħha, ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija tal-Kunsill tal-Ewropa. Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI japplikaw għall-iskambju ta' dejta personali bejn l-Istati Membri u l-Eurojust.[66] Il-Eurojust tista' tiskambja dejta ma' awtoritajiet nazzjonali u pajjiżi terzi li tkun ikkonkludiet ftehim magħhom, sakemm dak il-membru nazzjonali li jkun ta d-dejta jagħti l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment u l-pajjiż terz jiggarantixxi livell xieraq ta' protezzjoni tad-dejta personali. Id-dejta personali tista' tinżamm għall-perjodu kollu meħtieġ biex il-Eurojust tilħaq l-għanijiet tagħha, iżda għandha titħassar ladarba jingħalaq il-każ. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-bażi legali emendata tal-Eurojust sa' Ġunju 2011. Sa Ġunju 2014, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid, u tista' tipproponi kwalunkwe tibdil li tqis li jkun meħtieġ dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-membri nazzjonali tal-Eurojust. Sa Ġunju 2013, il-Eurojust għandu jirrapporta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza li jipprovdi aċċess fil-livell nazzjonali għas-sistema tagħha ta' ġestjoni tal-każi. L-Istati Membri jistgħu jivvalutaw id-drittijiet għall-aċċess nazzjonali abbażi ta' dan. Korp ta' Sorveljanza Konġunta, magħmul minn imħallfin innominati mill-Istati Membri, iwettqu monitoraġġ tal-

---

flussi transkonfinali ta' dejta (ETS No. 181), il-Kunsill tal-Ewropa, 8.11.2001 (Protokoll Addizzjonali Nru 181); Ir-Rakkomadazzjoni Nru R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri li tirregola l-użu ta' dejta personali fil-qasam tal-pulizija, il-Kunsill tal-Ewropa, 17.9.1987 (ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Pulizija).

64 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

65 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1, emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI, ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14. Ara wkoll il-Kunsill Straordinarju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, 20.9.2001.

66 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

ipproċessar tad-dejta personali mill-Eurojust u jirrapporta lill-Kunsill darba fis-sena. Il-President tal-Kulleġġ iressaq rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Eurojust lill-Kunsill, u dan tal-aħħar jibagħtu lill-Parlament Ewropew.

Ftehimiet internazzjonali bil-għan tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u ta' forom oħra ta' reati kriminali transkonfinali serji

Minħabba l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, l-Istati Uniti adottat leġiżlazzjoni li tirrekjedi li t-trasportaturi tal-ajru, li joperaw titjiriet mit-territorju jew minn fuq it-territorju tagħha, jipprovdu dejta mir-**Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri** (PNR) miżmuma fis-sistemi ta' prenotazzjoni awtomatizzati tagħhom lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti. Ma għaddiex ħafna żmien qabel ma l-Kanada u l-Awstralja ddeċidew li jagħmlu l-istess. Billi l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE tirrekjedi valutazzjoni minn qabel tal-livell ta' protezzjoni tad-dejta garantit minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni daħlet biex twettaq il-funzjoni tagħha u nnegozjat ftehimiet dwar PNR ma' dawn il-pajjiżi.[67] Hija ffirmat ftehim mal-Istati Uniti f'Lulju 2007, wieħed mal-Awstralja f'Ġunju 2008 u ftehim dwar API/PNR mal-Kanada f'Ottubru 2005.[68] Il-ftehimiet mal-Istati Uniti u mal-Awstralja huma applikabbli fuq bażi provviżorja, filwaqt li dak Kanadiż għadu fis-seħħ minkejja l-iskadenza tiegħu, f'Settembru 2009, tad-deċiżjoni dwar l-adegwatezza tal-Kummissjoni dwar l-istandards Kanadiżi tal-protezzjoni tad-dejta.[69] Il-Parlament ikkritika l-kontentut tagħhom u sejjaħ lill-Kummissjoni biex tinnegozja mill-ġdid it-tliet ftehimiet abbażi ta' sett ċar ta' prinċipji[70]. Meta tintbagħat ħafna qabel it-tluq ta' titjira, id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jiċċekkjaw lill-passiġġieri għal rabtiet potenzjali ma' terroriżmu jew ma' forom oħrajn ta' reati kriminali serji. F'konformità ma' dan, l-iskop ta' kull ftehim huwa l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u kull forma oħra ta' reati serji transkonfinali. Bħala tpattija għad-dejta ta' PNR li jikseb mill-UE, id-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti (DHS) jikkondividi 'informazzjoni ewlenija' li tirrizulta minn analiżi tal-PNR mal-awtoritajiet tal-UE responsabbli mill-infurzar tal-liġi, mal-Europol u mal-Eurojust; u fil-ftehimiet rispettivi tagħhom, kemm il-Kanada u kif ukoll l-Istati Uniti kkommettew ruħhom li jikkooperaw fil-ħolqien ta' sistema ta' PNR tagħhom stess. Il-ftehimiet mal-Istati Uniti u mal-Awstralja fihom 19-il kategorija ta' dejta, fosthom informazzjoni bijografika, ta' prenotazzjonijiet, ħlasijiet u informazzjoni supplimentari; il-ftehim Kanadiż fih 25 tip ta' dejta simili. L-informazzjoni supplimentari tinkludi, fost l-oħrajn, dejta dwar biljetti mingħajr ritorn, status ta' *standby* u status ta' *'no show'*. Il-ftehim mal-Istati Uniti jippermetti wkoll, taħt kundizzjonijiet speċjali, l-użu ta' informazzjoni sensittiva. Id-DHS tista' tipproċessa din l-informazzjoni jekk il-ħajja ta' suġġett tad-dejta jew ħajjet oħrajn jitpoġġew f'riskju, iżda għandha tħassarha fi żmien 30 jum. Id-dejta ta' PNR tintbagħat lil sett ta' unitajiet ċentrali fi ħdan id-DHS, l-Aġenzija Kanadiża tas-Servizzi tal-Fruntiera u s-Servizzi Doganali Awstraljan, li jistgħu jittrasferixxu dejta lil awtoritajiet domestiċi oħrajn li jkunu responsabbli mill-infurzar tal-liġi jew mill-ġlieda kontra t-terroriżmu. Fil-ftehim mal-Istati Uniti, id-DHS tistenna li l-livell ta' protezzjoni tad-dejta li

---

67 Id-Direttiva 95/46/KE (id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta), ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31

68 Il-pakkett Kanadiż jikkonsisti minn impenn Kanadiż dwar it-trattar ta' dejta API/PNR, id-deċiżjoni dwar l-adegwatezza tal-Kummissjoni dwar l-istandards Kanadiżi ta' protezzjoni tad-dejta u ftehim internazzjonali (ara ĠU L 91, 29.3.2006, p. 49; ĠU L 82, 21.3.2006, p. 14). Il-ftehim mal-Istati Uniti jinsab fil-ĠU L 204, 4.8.2007, p. 16; dak Awstraljan fil-ĠU L 213, 8.8.2008, p. 47.

69 Fl-2009, il-Kanada kkommettiet ruħha mal-Kummissjoni, mal-Presidenza tal-Kunsill u mal-Istati Membri tal-UE li kienet ser tissokta tapplika l-impenn li kienet ħadet qabel, fl-2005, dwar l-użu ta' dejta dwar PNR tal-UE. Id-deċiżjoni dwar l-adegwatezza tal-Kummissjoni kienet imsejsa fuq dak l-impenn preċedenti.

70 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, P7_TA(2010)0144, 5.5.2010.

jkollha tapplika għall-ipproċessar ta' dejta ta' PNR li toriġina mill-UE ma tkunx 'aktar stretta' minn dik applikata mill-awtoritajiet tal-UE fis-sistemi domestiċi ta' PNR tagħhom. Jekk din l-istennija ma tiġix issodisfata, tista' tissospendi ċerti partijiet tal-ftehim. L-UE tikkunsidra li l-Kanada u l-Awstralja jipprovdu livell 'xieraq' ta' protezzjoni ta' dejta ta' PNR li toriġina mill-UE jekk huma jibqgħu konformi mat-termini tal-ftehimiet rispettivi tagħhom. Fl-Istati Uniti, dejta ta' PNR li toriġina mill-UE tinżamm għal seba' snin fuq bażi attiva, u għal tmien snin oħra f'bażi tad-dejta passiva. Fl-Awstralja, din tiddaħħal f'bażi tad-dejta attiva għal 3.5 snin, u mbagħad f'bażi tad-dejta passiva għal sentejn. Fiż-żewġ pajjiżi, il-bażijiet tad-dejta passivi huma aċċessibbli b'awtorizzazzjoni speċjali. Fil-Kanada, id-dejta tinżamm għal 3.5 snin, u l-informazzjoni ssir waħda anonima wara 72 siegħa. Kull ftehim jipprovdi għal valutazzjonijiet pejodiċi, filwaqt li l-ftehimiet mal-Kanada u l-Awstralja jinkludu wkoll klawsola ta' terminazzjoni. Fl-UE, huwa biss ir-Renju Unit li għandu sistema ta' PNR. Franza, id-Danimarka, l-Isvezja u l-Pajjiżi l-Baxxi jew daħħlu fis-seħħ leġiżlazzjoni rilevanti jew bħalissa qegħdin jittestjaw l-użu ta' dejta ta' PNR fi tħejjija għall-ħolqien ta' sistemi ta' PNR. Diversi Stati Membri oħrajn qegħdin jikkunsidraw il-ħolqien ta' sistemi ta' PNR, u l-Istati Membri kollha jużaw, fuq bażi ta' każ b'każ, dejta ta' PNR għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

Wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001, id-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti żviluppa **Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu** (TFTP) għall-identifikazzjoni, l-ittraċċar u l-insegwiment ta' terroristi u s-sostenituri finanzjarji tagħhom. Taħt it-TFTP, it-Teżor tal-Istati Uniti huwa obbligat, permezz ta' taħrik amministrattiv, il-fergħa fl-Istati Uniti ta' kumpanija Belġjana li tittrasferixxi lit-Teżor settijiet limitati ta' dejta dwar messaġġi finanzjarji li saru fuq in-netwerk tagħha. F'Jannar 2010, din il-kumpanija bidlet l-arkitettura tas-sistema tagħha, u naqqset b'aktar minn nofs l-ammont ta' dejta taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Uniti li tipikament kienet suġġetta għal taħrik mit-Teżor. F'Novembru 2009, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti ffirmaw ftehim interim dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta dwar messaġġi finanzjarji mill-UE lejn l-Istati Uniti għall-finijiet tat-TFTP, li ma ġiex approvat mill-Parlament Eworpew.[71] Abbażi ta' mandat ġdid, il-Kummissjoni nnegozjat abbozz ta' ftehim ġdid mal-Istati Uniti, u lill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2010 ppreżentatu bi proposta għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' Dejta dwar Messaġġi Finanzjarji mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti għall-finijiet tal-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (il-Ftehim dwar TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti.[72] Il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni ta' dan il-ftehim fit-8 ta' Lulju 2010.[73] Issa l-Kunsill huwa mistenni jadotta Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonkludi dan il-ftehim, u wara l-ftehim jidħol fis-seħħ permezz ta' skambju ta' ittri bejn iż-żewġ partijiet. L-għan tal-Ftehim dwar TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti huwa l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni tat-terroriżmu jew l-iffinanzjar tiegħu. Huwa jobbliga lil forituri magħżula ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji li jittrasferixxu lit-Teżor tal-Istati Uniti, abbażi ta' valutazzjonijiet ta' theddid minn postijiet ġeografiċi postijiet u ta' talbiet partikolari, settijiet ta' dejta dwar messaġġi finanzjarji li jkunu jiġbru, fost l-oħrajn, l-isem, in-numru tal-kont, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tal-oriġinatur u r-riċevitur(i) ta' tranżazzjonijiet finanzjarji. It-Teżor tista' tfittex biss dik id-dejta li taqa' fl-ambitu tal-għan tat-TFTP. Tista' tagħmel hekk biss jekk ikollha raġuni biex temmen li persuna identifikata jkollha kuntatt mat-terroriżmu u l-iffinanzjar tiegħu. L-imminar ta' dejta u t-trasferiment ta' dejta dwar tranżazzjoni fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro huma

---

71 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, P7_TA(2010)0029, 11.2.2010.

72 COM(2010)316 finali/2, 18.6.2010.

73 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, P7_TA-PROV(2010)0279, 8.7.2010.

pprojbiti. L-Istati Uniti tipprovdi lill-Istati Membri tal-UE, lill-Europol u lill-Eurojust bi kwalunkwe 'informazzjoni importanti' dwar komplotti terroristiċi potenzjali fl-UE u ser tgħin lill-UE biex tistabbilixxi sistema ekwivalenti għat-TFTP. Jekk l-UE tistabbilixxi programm bħal dan, iż-żewġ naħat jistgħu jaġġustaw mill-ġdid it-termini ta' dan il-ftehim. Qabel ma tiġi ttrasferita informazzjoni, kull talba għal informazzjoni mill-Istati Uniti tiġi kkontrollata mill-Europol biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim. L-informazzjoni estratta minn messaġġi finanzjarji tista' tinżamm għal mhux aktar mill-perjodu ta' żmien neċessarju biex jitwettqu investigazzjonijiet jew proskeuzzjonijiet speċifiċi; id-dejta li ma tiġix estratta tista' tinżamm sa 5 snin. Għal raġunijiet ta' investigazzjoni, prevenzjoni jew prosekuzzjoni ta' terroriżmu jew l-iffinanzjar tiegħu, it-Teżor jista' jittrasferixxi kwalunkwe dejta personali estratta minn messaġġi finanzjarji lil awtoritajiet tal-Istati Uniti responsabbli mill-infurzar, is-sigurtà pubblika jew il-ġlieda kontra t-terroriżmu, lill-Istati Membri tal-UE, lill-Europol jew lill-Eurojust. Tista' wkoll tikkondividi kwalunkwe informazzjoni importanti dwar ċittadini u residenti tal-UE ma' pajjiżi terzi, dejjem skont il-kunsens tal-Istat Membru kkonċernat. Il-konformità tal-partijiet mal-limitazzjoni stretta tal-iskop tal-ftehim fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u ta' salvagwardji oħra hija suġġetta għal monitoraġġ minn kontrolluri indipendenti, fosthom minn persuna maħtura mill-Kummissjoni. Il-ftehim għandu skadenza ta' ħames snin u jista' jiġi tterminat jew sospiż minn kwalunkwe parti. Tim ta' analiżi mill-UE mmexxi mill-Kummissjoni, u li jinkludi rappreżentanti minn żewġ awtoritajiet responsabbli mill-protezzjoni tad-dejta u persuna ġudizzjarja, ser jivvaluta mill-ġdid dan il-ftehim wara sitt xhur minn meta jidħol fis-seħħ, u jevalwa b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-partijiet tal-limitazzjoni tal-iskop u d-dispożizzjonijiet ta' proporzjonalità u kif ukoll il-konformità mal-obbligi tal-protezzjoni tad-dejta tagħhom. Ir-rapport tal-Kummissjoni ser jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2.2. Inizjattivi skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma

Proposti leġiżlattivi li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni

Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew sejjaħ biex il-Kummissjoni tippreżenta tliet proposti ta' rilevanza diretta ma' din il-komunikazzjoni: sistema ta' PNR tal-UE għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' terroriżmu u reati kriminali serji; Sistema ta' Dħul/Ħruġ; u Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati. Il-Kunsill Ewropew enfasizza li dawn l-aħħar tnejn għandhom jiġu ppreżentati 'mill-aktar fis'. Il-Kummissjoni inkorporat dawn it-tliet talbiet fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkoma.[74] Issa l-għan tagħha ser ikun li timplimenta dawn it-talbiet u, fil-ġejjieni tevalwa dawn l-istrumenti abbażi tal-prinċipji tal-politika tal-iżvilupp stabbiliti fit-taqsima 4.

F'Novembru 2007, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta tal-PNR għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.[75] Din l-inizjattiva rċeviet appoġġ fil-Kunsill u sussegwentment kienet immodifikata biex tikkunsidra l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew u l-fehmiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. Din laħqet skadiet bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Kif indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Progamm ta' Stokkolma, issa l-Kummissjoni qiegħda taħdem biex kmieni fl-2011 tippreżenta pakkett ta' **Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri** li jkun jikkonsisti minn dan li ġej: komunikazzjoni dwar streteġija esterna tal-UE dwar il-PNR li tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-

---

74 Il-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sikura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, Dokument tal-Kunsill 5731/10, 3.3.2010; COM(2010)171, 20.4.2010 (Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma).

75 COM(2007)654, 6.11.2007.

prinċipji ewlenin li jiggwidaw il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi; direttivi ta' nnegozjar għall-innegozjar mill-ġdid ta' ftehimiet ta' PNR mal-Istati Uniti u l-Awstralja; u direttivi ta' nnegozjar għal ftehim ġdid mal-Kanada. Il-Kummissjoni tinsab ukoll fil-proċess li tħejji proposta ġdida tal-UE dwar il-PNR.

Fl-2008, il-Kummissjoni ressqet għadd ta' suġġerimenti għall-iżvilupp ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri permezz tal-iffaċilitar tal-ivvjaġġar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u fl-istess ħin għat-titjib tas-sigurtà interna.[76] Wara li nnutat li dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih (*overstayers*) kienu jikkostitwixxu l-akbar grupp ta' migranti irregolari fl-UE, hija ssuġġeriet il-possibbiltà tal-introduzzjoni ta' **Sistema ta' Dħul/Ħruġ** (EES) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fl-UE għal żjajjar qosra sa tliet xhur. Din is-sistema tirreġistra l-ħin u l-post ta' dħul u t-tul taż-żjara awtorizzata u tittrażmetti allerti awtomatizzati lill-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw individwi bħala 'dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih'. Fuq bażi ta' verifika ta' dejta bijometrika, din tkun tuża l-istess sistema ta' tqabbil bijometriku u tagħmir operazzjonali bħal dak li jintuża mis-SIS II u l-VIS. Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda twettaq valutazzjoni tal-impatt, kif iddikjarat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma, u ser tipprova tippreżenta proposta leġiżlattiva fl-2011.

Il-**Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati** (RTP) kienet it-tielet proposta li ġiet ikkunsidrata.[77] Dan il-programm ikun jippermetti lil ċerti gruppi ta' vjaġġaturi frekwenti minn pajjiżi terzi li jidħlu fl-UE, suġġett għal iċċekkjar minn qabel permezz ta' kontrolli tal-fruntiera ssimplifikati b'bibien awtomatizzati. L-RTP tkun ibbażata wkoll fuq il-verifika tal-identità permezz tal-użu ta' dejta bijometrika u b'hekk twassal għal bidla gradwali mill-approċċ kurrenti ta' kontroll ġeneriku tal-fruntiera jen wieħed ibbażat fuq riskju individwali. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt u, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma, qed tistenna li tippreżenta proposta leġiżlattiva fl-2011.

Inizjattivi li għandhom jiġu eżaminati mill-Kummissjoni

Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew sejjaħ biex il-Kummissjoni tippreżenta tliet inizjattivi ta' rilevanza diretta ma' din il-komunikazzjoni: il-possibbiltajiet tat-traċċar tal-iffinanzjar tat-terroriżmu fl-UE; il-possibbiltà u l-utilità tal-iżvilupp ta' Sistema Ewropea ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar; u l-ħtieġa u l-valur miżjud tal-ħolqien ta' Sistema ta' Indiċi Ewropea tar-Rekords tal-Pulizija. Barra minn hekk il-Kummissjoni inkorporat dawn l-inizjattivi fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pogramm ta' Stokkolma. Issa hija ser tivvaluta l-vjabbiltà ta' dawn l-inizjattivi u tiddeċiedi jekk u kif tipproċedi dwarhom abbażi tal-prinċipji tal-politika tal-iżvilupp deskritta b'mod ġenerali fit-taqsima 4.

Il-Ftehim dwar TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti jitlob biex il-Kummissjoni Ewropea tagħmel studju dwar il-possibbiltà tal-introduzzjoni ta' **sistema tal-UE ta' traċċar tal-finanzjament tat-terroriżmu** ekwivalenti għat-TFTP tal-Istati Uniti, li jippermetti t-trasferiment aktar iffokat ta' dejta mill-UE lill-Istati Uniti. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dan il-ftehim jitlob ukoll li, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni tressqilhom qafas legali u tekniku għall-estrazzjoni ta' dejta fit-territorju tal-UE, u dan mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti.[78] Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, il-Kummissjoni għandha tippreżenta

---

76 COM(2008)69, 13.2.2008.

77 COM(2008)69, 13.2.2008.

78 Id-Dokument tal-Kunsill 11222/1/10 REV 1, 24.6.2010; id-Dokument tal-Kunsill 11222/1/10 REV 1 COR 1, 24.6.2010.

rapport ta' progress dwar l-iżvilupp ta' sistema ewivalenti għal din fl-UE. Jekk din is-sistema ma tinħoloqx fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-ftehim, l-UE tista' tiddeċiedi li twaqqaf il-ftehim. Barra minn hekk, il-Ftehim dwar TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti jikkommetti wkoll li l-Istati Uniti tikkoopera mal-UE u tipprovdi assistenza jekk kemm-il darba l-UE tiddeċiedi li toħloq sistema bħal din. Bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni li tista' tittieħed, il-Kummissjoni bdiet tikkunsidra l-implikazzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta, tar-riżorsi u l-implikazzjonijiet prattiċi ta' din l-inizjattiva. Kif kien indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma, sal-2011 il-Kummissjoni ser tippreżenta komunikazzjoni dwar il-vjabbiltà tal-ħolqien ta' Programm tal-UE għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (EU TFTP).

Fil-komunikazzjoni tal-2008 dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri, il-Kummissjoni ssuġġeriet il-ħolqien potenzjali ta' **Sistema Elettronika ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar** (ESTA) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex suġġetti għal rekwiżiti ta' viża.[79] Taħt dan il-programm, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi eliġibbli jintalbu jagħmlu applikazzjoni elettronika fejn jagħtu dettalji bijografiċi, tal-passaport u tal-ivvjaġġar qabel ma jagħmlu l-vjaġġ. Meta mqabbla mal-proċedura tal-viża, l-ESTA tkun toffri metodu aktar rapidu u aktar sempliċi biex issir verifika dwar jekk il-persuna tkunx tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-dħul. Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda tagħmel studju dwar il-vantaġġi, l-iżvantaġġi u l-implikazzjonijiet prattiċi tal-introduzzjoni tal-ESTA. Kif kien indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma, l-għan tagħha huwa li sal-2011 tippreżenta komunikazzjoni dwar il-vjabbiltà tal-ħolqien ta' programm bħal dan.

Matul il-Presidenza tal-Kunsill fl-2007, il-Ġermanja nediet diskussjoni dwar il-ħolqien potenzjali ta' **Sistema ta' Indiċi Ewropea ta' Rekords tal-Pulizija** (EPRIS).[80] L-EPRIS jkun jista' jgħin lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex jillokalizzaw informazzjoni madwar l-UE, partikolarment dwar konnessjonijiet bejn individwi ssuspettati minn kriminalità organizzata. Fl-2010 il-Kummissjoni ser tippreżenta l-abbozz tagħha ta' termini ta' referenza għall-istudju dwar EPRIS lill-Kunsill. Kif kien indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma, l-għan tagħha huwa li sal-2012 tippreżenta komunikazzjoni dwar il-vjabbiltà tal-ħolqien ta' sistema bħal din.

3. ANALIŻI TAL-ISTRUMENTI LI QEGĦDIN JINTUŻAW, LI QEGĦDIN JIĠU IMPLIMENTATI JEW IKKUNSIDRATI

Din id-deskrizzjoni ġenerali t'hawn fuq tissuġġerixxi l-osservazzjonijiet preliminari segwenti:

Struttura deċentralizzata

Fost l-istrumenti varji li qed jiġu operati bħalissa, li qed jiġu implimentati jew ikkunsidrati, huma biss sitta dawk li jinvolvu l-ġbir jew il-ħażna ta' dejta personali fil-livell tal-UE, li huma s-SIS (u s-SIS II), il-VIS, il-EURODAC, il-Europol u l-Eurojust. L-istrumenti l-oħra kollha jirregolaw l-iskambju jew it-trasferiment ta' informazzjoni transkonfinali deċentralizzata lil pajjiżi terzi miġbura fil-livell nazzjonali mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-kumpaniji privati. Il-maġġoranza tad-dejta personali tinġabar u tinħażen nazzjonalment; l-UE qed tfittex li żżid il-valur billi tippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-iskambju ta' tali informazzjoni ma' sieħba tal-UE u pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni riċentement issottomettiet lill-Parlament Ewropew u

[79] COM(2008)69, 13.2.2008.
[80] Id-Dokument tal-Kunsill 15526/1/09, 2.12.2009.

lill-Kunsill proposta emendata dwar it-twaqqif ta' Aġenzija għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.[81] Il-ħidma tal-Aġenzija tal-IT li se titwaqqaf se tkun li tissodisfa l-ġestjoni operazzjonali tas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC, u kull sistema oħra futura tal-IT fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, sabiex iżżomm dawn is-sistemi jiffunzjonaw fuq bażi permanenti, u b'hekk jiġi żgurat li l-fluss tal-informazzjoni ma jiġix interrott.

Skop limitat

Il-parti l-kbira tal-istrumenti analizzati hawn fuq għandhom għan unitarju: Il-EURODAC ifittex li jtejjeb il-funzjonament tas-sistema ta' Dublin; l-API li jtejjeb il-kontroll tal-fruntieri; l-inizjattiva Svediża, li ttejjeb l-investigazzjonijiet kriminali u l-operazzjonijiet ta' *intelligence*; il-Konvenzjoni ta' Napli II li tgħin tipprevjeni, issib, tressaq il-qorti u tikkastiga l-frodi doganali; is-CIS biex jgħin fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali billi tiżdied l-effettività tal-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali; l-ECRIS, FIUs u AROs biex il-qsim transkonfinali tad-dejta jsir aktar effiċjenti f'oqsma partikolari; u d-Deċiżjoni Prüm, id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta, it-TFTP u l-PNR biex jiġġieldu t-terroriżmu u l-kriminalità. Is-SIS, is-SIS II u l-VIS jidhru li huma l-eċċezzjonijiet ewlenin f'din ix-xejra: l-iskop oriġinali tal-VIS kien biex tiffaċilita l-iskambju transkonfinali tad-dejta tal-viża, imma wara, dan ġie estiż għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati serji. Is-SIS u s-SIS II għandhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja u li jiffaċilitaw il-moviment tal-persuni billi tintuża informazzjoni komunikata permezz ta' din is-sistema. Bl-eċċezzjoni ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni, il-limitazzjoni tal-iskop tidher li hija fattur ewlieni fit-tfassil tal-miżuri tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-livell tal-UE.

Dupplikar potenzjali tal-funzjoni

L-istess informazzjoni personali tista' tinġabar permezz ta' għadd ta' strumenti differenti, imma tista' tintuża biss għal skop limitat taħt strument partikolari (bl-eċċezzjoni tal-VIS, is-SIS u s-SIS II). Per eżempju, id-dejta bijografika ta' individwu, inkluż l-isem, id-data jew il-post tat-twelid u n-nazzjonalità, jistgħu jiġu pproċessati permezz tas-SIS, SIS II, VIS, API, CIS, l-inizjattiva Svediża, id-Deċiżjoni ta' Prüm, ECRIS, FIUs, AROs, Europol, Eurojust, u l-ftehimiet PNR u TFTP. Madanakollu, tali dejta tista' tiġi pproċessata biss għall-iskop tal-kontroll tal-fruntiera fil-każ tal-API; għall-prevenzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-frodi doganali fil-każ tas-CIS; għall-investigazzjonijiet kriminali u l-operazzjonijiet ta' *intelligence* fil-każ tal-inizjattiva Svediża; għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali fil-każ tad-Deċiżjoni ta' Prüm; għall-eżaminazzjoni tal-isfond kriminali ta' persuna fil-każ tal-ECRIS; għall-investigazzjoni tar-rabtiet ta' persuna mal-kriminalità organizzata u netwerks ta' terroristi fil-każ tal-FIUs, għall-intraċċar tal-assi fil-każ tal-AROs; għall-investigazzjoni u biex tgħin fil-prosekuzzjoni ta' reati serji fil-każ tal-Europol u l-Eurojust; għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u ta' forom oħra ta' kriminalità transkonfinali fil-każ tal-PNR; u biex jiġu identifiki u segwiti t-terroristi u dawk li jiffinanzjawhom fil-każ tat-TFTP. Id-dejta bijometrika, bħall-marki tas-swaba' u r-ritratti, jistgħu jiġu proċessati taħt is-SIS II, VIS, EURODAC, inizjattiva Svediża, Deċiżjoni ta' Prüm, ECRIS, Europol u Eurojust, u mill-ġdid, għall-iskop limitat ta' kull miżura. Id-Deċiżjoni ta' Prüm hija l-unika strument li jippermetti l-iskambju transkonfinali ta' profili anonimi tad-DNA (għalkemm tali dejta tista' titressaq ukoll mill-Europol u l-Eurojust). Miżuri oħra

[81] COM(2010)93, 19.3.2010.

jipproċessaw informazzjoni personali ferm speċjalizzata relevanti għall-għanijiet uniċi tagħhom: is-sistemi tal-PNR jipproċessaw id-dettalji tal-prenotazzjonijiet tat-titjiriet tal-passiġġieri; FIDE, dejta relevanti għall-investigazzjoni tal-frodi doganali; id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta, l-identifikaturi tal-indirizzi tal-IP u tat-tagħmir tal-mowbajl; ECRIS, rekords kriminali; AROs, assi privati u dettalji tal-kumpaniji; pjattaformi tal-kriminalità fuq l-internet u offiżi fuq l-internet; Europol, rabtiet ma' netwerks kriminali; u t-TFTP, dejta dwar il-messaġġi finanzjarji. L-iskambju tad-dejta u l-*intelligence* transkonfinali għall-investigazzjonijiet kriminali jipprovdi l-unika eżempju ta' dupplikar sostanzjali tal-funzjonijiet. Mill-punt di vista legali, l-inizjattiva Svediża tkun biżżejjed għall-iskambjar ta' *kull* tip ta' informazzjoni relevanti għal tali investigazzjonijiet (sakemm l-iskambju ta' tali dejta personali huwa permess taħt il-liġi nazzjonali). Minn perspettiva operazzjonali, madanakollu, id-Deċiżjoni ta' Prüm tista' tiġi preferuta għall-qsim ta' profili tad-DNA u dejta tal-marki tas-swaba', minħabba li s-sistema tagħha 'sejba/l-ebda sejba' tiżgura tweġiba fil-pront u l-metodu awtomatiku tal-qsim tad-dejta jiggarantixxi sigurtà ta' livell għoli.[82] Bl-istess mod, jista' jkun aktar effiċjenti li l-FIUs, l-AROs u l-pjattaformi tal-kriminalità fuq l-internet jikkomunikaw mal-kontrapartijiet tagħhom fl-UE mingħajr ma jimlew il-formoli meħtieġa mill-inizjattiva Svediża biex jitolbu l-informazzjoni.

Drittijiet tal-aċċess kontrollati

Drittijiet tal-aċċess għall-istrumenti li tfasslu fuq il-loġika ta' kontra t-terroriżmu u reati serji għandhom it-tendenza li jkunu limitati għal definizzjoni aktar stretta mill-komunità tal-infurzar tal-liġi, i.e. il-pulizija, il-kontrolluri tal-fruntieri u l-awtoritajiet doganali. Id-drittijiet tal-aċċess għal miżuri bażati fuq il-loġika ta' 'Schengen' tipikament jingħataw lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u, taħt ċerti kundizzjonijiet, lill-pulizija, il-kontrolluri tal-fruntieri u l-awtoritajiet doganali. Il-fluss tal-informazzjoni huwa kkontrollat mill-interfaces nazzjonali fil-każ tas-SIS u l-VIS ċentralizzati u mill-punt ta' kuntatt nazzjonali jew l-unitajiet ta' koordinazzjoni ċentrali fil-każ ta' strumenti deċentralizzati, bħad-Deċiżjoni ta' Prüm, l-inizjattiva Svediża, il-Konvenzjoni ta' Napli II, l-ECRIS, it-TFTP, il-ftehimiet PNR, l-FIUs, l-AROs, u l-pjattaformi tal-kriminalità fuq l-internet.

Regoli dwar iż-żamma ta' dejta varjabbli

Il-perjodi taż-żamma tad-dejta jvarjaw bil-kbir u dan jiddependi fuq l-għanijiet tal-istrumenti varji. Il-ftehim PNR li sar mal-Istati Uniti għandu l-itwal perjodu ta' żamma ta' dejta – 15-il sena, filwaqt li l-API għandu l-iqsar wieħed – 24 siegħa. Il-ftehimiet PNR jintroduċu distinzjoni interessanti bejn dejta f'użu attiv u passiv: wara ċertu perjodu, l-informazzjoni trid tinħażen u tista' 'tinfetaħ' biss b'awtorizzazzjoni speċjali. L-użu mill-Kanada tad-dejta tal-PNR tal-UE joffri eżempju tajjeb: l-informazzjoni trid issir anonima wara 72 siegħa, imma tibqa' disponibbli għal uffiċjali awtorizzati għal 3.5 snin.

Ġestjoni effettiva tal-identità

Għadd ta' miżuri analizzati hawn fuq, inklużi s-SIS u l-VIS futuri, bil-għan li jippermettu l-verifika tal-identità permezz tal-użu tad-dejta bijometrika. L-implimentazzjoni tas-SIS II hija

---

82 Id-Deċiżjoni ta' Prüm (Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1) għandha deċiżjoni ta' implimentazzjoni korrispondenti (Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI, ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12) li għandha l-għan li tiggarantixxi l-użu ta' miżuri tekniċi mill-aktar moderni biex jiġu żgurati l-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta, kif ukoll proċeduri ta' kodifikar u awtorizzazzjoni għall-aċċess tad-dejta u tinkludi wkoll regoli speċifiċi li jirregolaw l-ammissibbiltà tat-tiftixiet.

mistennija li żżid is-sigurtà fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja billi tgħin, per eżempju, biex jiġu identifikati individwi li għalihom inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew, dawk li ġew miċħuda li jidħlu fiż-Żona Schengen u dawk li qed jiġu mfittxija għal raġunijiet ta' investigazzjoni speċifika oħra (bħal persuni nieqsa jew xhieda f'każijiet fil-qorti) irrispettivament mid-disponibbiltà jew l-awtentiċità tad-dokumenti ta' identifikazzjoni. L-implimentazzjoni tal-VIS għandha tiffaċilità l-ħruġ tal-viża u l-proċess ta' ġestjoni.

Sigurtà tad-dejta permezz tas-soluzzjonijiet tal-UE

Għall-iskambju ta' informazzjoni sensittiva bejn il-fruntieri Ewropej, l-Istati Membri jippreferu s-soluzzjonijiet tal-UE. Għadd ta' strumenti ta' daqs, struttura u skop varji jiddependu fuq in-netwerk ta' komunikazzjoni tad-dejta s-TESTA li huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni biex jaqsmu informazzjoni sensittiva. Dawn jinkludu s-SIS II, il-VIS u s-sistemi tal-EURODAC li huma ċentralizzati, il-Prüm, u l-istrumenti ECRIS u FIU li huma deċentralizzati, kif ukoll il-Europol u l-Eurojust. Is-CIS u l-FIDE jużaw in-Netwerk ta' komunikazzjoni komuni, in-Netwerk ta' interface ta' sistema komuni jew aċċess sigur għall-internet provdut mill-Kummissjoni. Sadanittant, l-applikazzjoni tan-netwerk tal-Europol għall-iskambju tal-informazzjoni SIENA jidher li qed ikun l-għażla ewlenija għal xi inizjattivi riċenti li jeħtieġu trasferiment sigur tad-dejta: għaddejjin diskussjonijiet sabiex l-FIU.net, l-AROs u l-pjattaformi ta' twissija ta' kriminalità fuq l-internet joperaw fuq il-bażi ta' din l-applikazzjoni.

Mekkaniżmu ta' reviżjoni diverġenti

L-istrumenti analizzati hawn fuq fihom firxa ta' mekkaniżmi differenti ta' reviżjoni. Fil-każ ta' sistemi ta' informazzjoni kumplessi, bħas-SIS II, il-VIS u l-EURODAC, il-Kummissjoni hija meħtieġa tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapporti kull sena jew kull sentejn dwar l-operar jew l-istat ta' implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi. L-istrumenti ta' skambjar tal-informazzjoni deċentralizzati jeħtieġu li l-Kummissjoni tissottometti lill-istituzzjonijiet l-oħra rapport uniku ta' valutazzjoni ftit snin wara l-implimentazzjoni: id-Direttiva għaż-Żamma tad-Dejta, l-Inizjattiva Svediża u l-miżuri tal-AROs iridu jiġu valutati fl-2010; id-Deċiżjoni ta' Prüm fl-2012; u l-ECRIS fl-2016. It-tliet ftehimiet PNR jipprovdu għall-analiżi perjodiku u *ad hoc*, u tnejn minnhom jinkludu wkoll klawsoli ta' għeluq kmieni. Il-Europol u l-Eurojust jissottomettu rapport annwali lill-Kunsill, li jgħaddihom għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jissuġġerixxu li l-istruttura kurrenti ta' ġestjoni tal-informazzjoni fl-UE ma twassalx għall-adozzjoni ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni unika għall-istrumenti kollha. Fid-dawl ta' dik id-diversità, huwa essenzjali li l-emendi futuri ta' kull strument fil-qasam tal-ġestjoni tal-informazzjoni jieħdu kont tal-impatt potenzjali tagħhom fuq il-miżuri l-oħra kollha li jirregolaw il-ġbir, il-ħażna u l-iskambju tad-dejta personali fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

4. IL-PRINĊIPJI TAL-IŻVILUPP TAL-POLITIKA

It-taqsima 2 iddeskriviet għadd ta' inizjattivi li l-Kummissjoni Ewropea implimentat, preżentat jew qieset fis-snin riċenti. In-numru ta' ideat ġodda u l-korp li qed jikber ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni jagħmluha neċessarja biex jiġu definiti sett ta' prinċipji ewlenin biex iservu bħala kejl għall-inizjazzjoni u l-valutazzjoni ta' proposti ta' politika fis-snin li ġejjin. Dawn il-prinċipji jkomplu jibnu u jfittxu li jikkumplimentaw il-prinċipji ġenerali stabbiliti fit-Trattati tal-UE, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ftehimiet Inter-

Istituzzjonali rilevanti bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tipproponi li tiżviluppa u timplimenta inizjattivi ġodda u tevalwa l-istrumenti kurrenti fuq il-bażi taż-żewġ settijiet ta' prinċipji li ġejjin:

Prinċipji sostantivi

Salvagwardjar tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta

Is-salvagwardjar tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Funadamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment id-dritt għall-privatezza u l-ħarsien tad-dejta personali, huma ta' tħassib ewlieni għall-Kummissjoni meta tiżviluppa proposti ġodda li jinvolvu l-ipproċessar tad-dejta personali fil-qasam tas-sigurtà interna jew il-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta jiddikjaraw li kulħadd għandu dritt għar-'rispett tal-ħajja privata u tal-familja' u għall-'ħarsien tad-dejta personali li tirrigwardah.'[83] L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), li huwa vinkolanti fir-rigward tal-attivitajiet tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-aġenziji u l-korpi, jafferma mill-ġdid id-dritt ta' kulħadd 'għall-ħarsien tad-dejta personali li tirrigwardah.'[84] Meta tiżviluppa strumenti ġodda li jiddependu fuq l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-Kummissjoni se tfittex li ssegwi l-istrateġija magħrufa bħala 'privatezza bit-tfassil.' Din timplika li l-protezzjoni tad-dejta personali tiġi inserita fil-bażi teknoloġika tal-istrument propost, u hekk l-ipproċessar tad-dejta li huwa meħtieġ jiġi limitat għal skop partikolari u l-aċċess għad-dejta jingħata biss lil dawk l-entitajiet 'li għandhom bżonn ikunu jafu.'[85]

Neċessità

L-indħil minn awtorità pubblika fid-drittijiet tal-privatezza tal-individwu jista' jkun meħtieġ fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika jew il-prevenzjoni tal-kriminalità.[86] Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tistabbilixxi tliet kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu ġustifikati tali restrizzjonijiet: jekk ikunu legali, jekk isegwu għan leġittimu u jekk ikunu meħtieġa f'soċjetà demokratika. L-indħil fid-dritt tal-privatezza huwa meqjus neċessarju jekk ikun qed iwieġeb għal bżonn soċjali importanti, jekk ikun proporzjonat mal-għan segwit u jekk ir-raġunijiet imressqa mill-awtorità pubblika biex jiġġustifikawh ikunu relevanti u suffiċjenti.[87] F'kull proposta ta' politika fil-futur, il-Kummissjoni se tevalwa l-impatt mistenni tal-inizjattiva fuq id-dritt tal-individwu għall-privatezza u l-ħarsien tad-dejta personali u se turi 'l għala tali impatt huwa meħtieġ u 'l għala s-soluzzjoni hija proporzjonata għall-għan leġittimu li tinżamm sigurtà interna fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-prevenzjoni tal-kriminalità jew il-ġestjoni tal-migrazzjoni. Il-konformità mar-regoli dwar il-ħarsien tad-dejta personali fil-każijiet kollha se tkun soġġetta għall-kontroll minn awtorità indipendenti fuq livell nazzjonali jew tal-UE.

---

83 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ĠU C 83, 30.3.2010, p.389.

84 Verżjonijiet konsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 83, 30.3.2010.2008, p. 1.

85 Għal deskrizzjoni komprensiva tal-'privatezza bit-tfassil,' irreferi għall-Opinjoni tas-Superviżur Ewropew għall-Ħarsien tad-Dejta dwar il-Promozzjoni tal-Fiduċja fis-Soċjetà tal-Informazzjoni bit-Trawwim tal-Ħarsien tad-Dejta u l-Privatezza, is-Superviżur Ewropew għall-Ħarsien tad-Dejta, 18.3.2010.

86 Ara l-Artikolu 8, tal-Konvenzjoni tal-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Drittijiet Fundamentali (ETS Nru 5), il-Kunsill tal-Ewropa, 4.11.1950.

87 Ara *Marper v ir-Renju Unit,* sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Strasburgu, 4.12.2008.

Is-Sussidjarjetà

Il-Kummissjoni se tfittex li tiġġustifika l-proposti ġodda tagħha, fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2 mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Kull proposta leġiżlattiva ġdida se jkun fiha dikjarazzjoni li tagħmilha possibbli li tiġi valutata l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Din id-dikjarazzjoni se jkun fiha valutazzjoni tal-impatt finanzjarju, ekonomiku u soċjali tal-proposta u, fil-każ ta' direttiva, tal-implikazzjonijiet għar-regoli biex jiddaħħlu fis-seħħ mill-Istati Membri.[88] Ir-raġunijiet għall-konklużjoni li għan tal-UE jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-UE jiġi sostanzjat minn indikaturi kwalitattivi. Il-proposti leġiżlattivi għandhom iqisu l-ħtieġa li kwalunkwe piż li jaqa' fuq l-UE, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq l-awtoritajiet reġjonali, fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini, ikun minimizzat kemm jista' jkun u jkun proporzjonat mal-objettiv li jrid jintlaħaq. Fil-każ ta' proposti li jirrikjedu ftehimiet internazzjonali ġodda, din id-dikjarazzjoni tqis l-impatti mistennija tal-proposta f'relazzjoni mal-pajjiżi terzi in kwestjoni.

Ġestjoni tar-riskju preċiża

L-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, tipikament tiġi skambjata biex jiġu analizzati theddidiet għas-sigurtà, jiġu identifikati xejriet fl-attività kriminali jew jiġu valutati r-riskji f'oqsma ta' politika relatati.[89] Ir-riskji huma spiss konnessi, imma mhux bilfors, ma' individwi li l-imġiba tagħhom fil-passat tindika riskju fil-futur. Madanakollu, ir-riskji għandhom ikunu bażati fuq l-evidenza u mhux ikunu ipotetiċi. L-ittestjar tal-ħtieġa u l-limitazzjoni tal-iskop huma essenzjali għal kull miżura ta' ġestjoni tal-informazzjoni. L-iżvilupp ta' profili tar-riskji - li m'għandux jiġi mħallat mal-profili razzjali jew diskriminatorji b'xi mod ieħor, li huwa inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali - huwa relevanti. Tali profili jistgħu jgħinu biex ir-riżorsi jiġu ffokati fuq individwi speċifiċi sabiex jiġi identifikat theddid għas-sigurtà u jitħarsu l-vittmi tal-kriminalità.

Prinċipji orjentati lejn il-proċess[90]

Kost-effettività

Is-servizzi pubbliċi bbażati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni għandhom jippermettu servizzi aħjar u aktar valur għal dawk li jħallsu t-taxxa. Fid-dawl tal-klima ekonomika kurrenti, il-proposti l-ġodda kollha, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mat-twaqqif u l-aġġornament tas-sistemi tal-informazzjoni, se jkollhom l-għan li jkunu kost-effettivi kemm jista' jkun. Tali strateġija se tieħu kont tas-soluzzjonijiet pre-eżisteni biex jiġi minimizzat id-dupplikar u biex jiġu massimizzati s-sinerġiji possibbli. Il-Kummissjoni se tevalwa jekk jistax ikun possibbli li jinkisbu l-għanijiet tal-proposta permezz ta' użu aħjar tal-istrumenti eżistenti. Hija se tikkunsidra wkoll li żżid funzjonijiet awżiljarji lis-sistemi ta' informazzjoni eżistenti qabel ma tipproponi sistemi ġodda.

---

88 Il-prinċipji bażiċi għall-valutazzjonijiet tal-impatt huma stabbiliti fil-Linji Gwida għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni Ewropea (SEC(2009)92, 15.1.2009).

89 Eżempji prattiċi tar-riskji ġestiti b'suċċess jinkludu l-prevenzjoni ta' persuna mkeċċija li wettqet reat serju fi Stat Membru milli terġa' tidħol fiż-żona ta' Schengen minn Stat Membru ieħor (SIS) jew li tipprevjeni persuna milli tapplika għall-asil f'għadd ta' Stati Membri (EURODAC).

90 Dawn il-prinċipji huma bażati fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni għas-sigurtà interna tal-UE, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern, 30.11.2009.

Politika mfassla fuq l-għeruq

L-iżvilupp tal-inizjattivi l-ġodda jrid, fl-aktar stadju bikri possibbli, jibbaża fuq il-kontribut tal-partijiet interessati kollha relevanti, inkluż l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni, l-atturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili. It-tfassil ta' politiki li jqisu l-interessi tal-utenti aħħarija jirrikjedi li wieħed jaħseb b'mod orizzontali u li jkun hemm konsultazzjoni wiesgħa.[91] Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni se tfittex litistabbilixxi kuntatt permanenti mal-uffiċjali nazzjonali u l-prattikanti permezz tal-istrutturi tal-Kunsill, il-kumitati ta' ġestjoni u formazzjonijiet *ad hoc*.

Allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet

Fid-dawl tal-kumplessità teknika tal-ġbir tal-informazzjoni u l-proġetti ta' skambju fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, trid tingħata attenzjoni partikolari lit-tfassil inizjali tal-istrutturi tal-gvern. L-esperjenza tal-proġett SIS II turi li jekk ikun hemm nuqqas ta' definizzjoni ċara u stabbli tal-għanijiet, rwoli u responsabbiltajiet ġenerali minn kmieni, dawn jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż b'mod sinifikanti kif ukoll jevitaw id-dewmien fl-implimentazzjoni. Valutazzjoni bikrija tal-esperjenza tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Prüm tissuġġerixxi li struttura ta' governanza deċentralizzata mhix rimedju lanqas, minħabba li l-Istati Membri m'għandhomx mexxej tal-proġett lejn min jirrikorru għal parir rigward l-aspetti finanzjarji jew tekniċi tal-implimentazzjoni. L-Aġenzija tal-IT futura tista' tkun kapaċi tipprovdi tali pariri tekniċi lill-kustodji tas-sistemi ta' informazzjoni fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja. Hija tista' toffri wkoll pjattaforma għal involviment wiesa' mill-partijiet interessati fil-ġestjoni operazzjonali u fl-iżvilupp tas-sistemi tal-IT. Bħala salvagwardja possibbli kontra żieda fl-ispejjeż u dewmien li jirriżultaw minn bidla fil-kundizzjonijiet, kull sistema tal-informazzjoni ġdida fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, partikolarment jekk tkun tinvolvi sistema tal-IT fuq skala kbira, ma tiġix żviluppata qabel mal-istrumenti legali li jistabbilixxu l-għanijiet, l-iskop, il-funzjonijiet u d-dettalji tekniċi tagħha jkunu ġew adottati b'mod definittiv.

Klawsoli ta' reviżjoni u tal-għeluq

Il-Kummissjoni se tevalwa kull strument kopert f'din il-komunikazzjoni. Dan se jsir f'relazzjoni ma' firxa sħiħa ta' strumenti li jeżistu fil-qasam tal-ġestjoni tal-informazzjoni. Dan għandu jwassal għal stampa affidabbli ta' kif l-istrumenti individwali jiffittjaw fix-xena wiesgħa ta' sigurtà interna u ġestjoni tal-migrazzjoni. Proposti futuri se jinkludu, fejn xieraq, obbligu ta' rappurtar annwali, reviżjonijiet perjodiċi u ad hoc, kif ukoll klawsola ta' estinsjoni. Strumenti eżistenti jinżammu biss jekk ikomplu jservu l-iskop leġittimu li kienu tfasslu għalih. L-Anness II jistabbilixxi d-data ta' reviżjoni u l-mekkaniżmu għal kull strument kopert f'din il-komunikazzjoni.

5. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Din il-komunikazzjoni tippreżenta, għall-ewwel darba, sommarju ċar u komprensiv tal-miżuri fil-livell tal-UE li huma fis-seħħ, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati li jirregolaw il-ġbir, iż-żamma u l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni personali għall-fini tal-infurzar tal-liġi u l-ġestjoni tal-migrazzjoni.

---

[91] Il-prinċipji ġenerali u l-istandards minimi tal-konsultazzjoni pubblika huma stabbiliti f'COM(2002)704, 11.12.2002.

Hija tagħti liċ-ċittadini ħarsa ġenerali dwar liema informazzjoni tinġabar, tinħażen u tiġi skambjata, dwarhom, u għal liema skop u minn min. Hija għodda ta' referenza trasparenti għall-partijiet interessati li jixtiequ jieħdu sehem fid-dibattitu dwar id-direzzjoni futura tal-politika tal-UE f'dan il-qasam. Fl-istess ħin, hija tipprovdi l-ewwel tweġiba għas-sejħa mill-Kunsill Ewropew għall-iżvilupp tal-istrumenti tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-livell tal-UE skont l-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-UE[92] u għal riflessjoni dwar il-bżonn ta' Mudell Ewropew għall-Iskambjar tal-Informazzjoni.[93]

Il-Kummissjoni bi ħsiebha ssegwi din il-komunikazzjoni billi tippreżenta komunikazzjoni dwar il-Mudell Ewropew għall-Iskambjar tal-Informazzjoni fl-2012.[94] Għal dak il-għan, il-Kummissjoni nediet eżerċizzju 'ta' mmappjar tal-informazzjoni' f'Jannar 2010 fuq il-bażijiet legali u operazzjoni prattika tal-iskambju tal-informazzjoni u l-*intelligence* dwar il-kriminalità bejn l-Istati Membri, li l-Kummissjoni bi ħsiebha tippreżenta r-riżultati tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fl-2011.[95]

Finalment, din il-komunikazzjoni tistabbilixxi, għall-ewwel darba, il-viżjoni tal-Kummissjoni ta' prinċipji wiesgħa li l-Kummissjoni bi ħsiebha ssegwi fl-iżvilupp futur tal-istrumenti għall-ġbir, il-ħażna jew l-iskambju tad-dejta. Dawn il-prinċipji se jintużaw ukoll meta jiġu valutati strumenti eżistenti. L-adottar ta' tali strateġija għall-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-politika hija mistennija li ttejjeb l-effettività u t-trasparenza tal-istrumenti futuri u kurrenti b'mod li jiġu rispettati b'mod sħiħ id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

---

92 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għal sigurtà interna tal-UE, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern, 30.11.2009 (Strateġija tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-UE).

93 Il-Programm ta' Stokkolma - Ewropa miftuħa u sigura li sservi u tħares iċ-ċittadini, Dokument tal-Kunsill 5731/10, 3.3.2010, Taqsima 4.2.2.

94 Dan huwa indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' Stokkolma tal-Kummissjoni (COM(2010)171, 20.4.2010).

95 Dan l-eżerċizzjoni ta' mmappjar tal-informazzjoni jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Tim tal-Proġett ta' Mmappjar tal-Informazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE u tal-EFTA, il-Europol, il-Eurojust il-Frontex u s-Superviżur Ewropew għall-Ħarsien tad-Dejta.

ANNESS I

Id-dejta u l-eżempji segwenti għandhom l-għan li juru l-operazzjoni fil-prattika tal-miżuri ta' ġestjoni tal-informazzjoni li huma fis-seħħ bħalissa.

Sistema ta' informazzjoni Schengen (SIS)

Numru totali ta' twissijiet SIS li daħlu fil-bażi tad-dejta SIS ċentrali (C.SIS)[96]			
Kategoriji ta' twissijiet	**2007**	**2008**	**2009**
Karti tal-flus	177,327	168,982	134,255
Dokumenti vojta	390,306	360,349	341,675
Armi	314,897	332,028	348,353
Dokumenti maħruġa	17,876,227	22,216,158	25,685,572
Vetturi	3,012,856	3,618,199	3,889,098
Persuni mfittxija (psewdonimi)	299,473	296,815	290,452
Persuni mfittxija (isem ewlieni)	859,300	927,318	929,546
Li minnhom:			
Persuni mfittxija għall-arrest għal għanijiet ta' estradizzjoni	19,119	24,560	28,666
Ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq il-lista ta' projbizzjoni tad-dħul	696,419	746,994	736,868
Persuni adulti nieqsa	24,594	23,931	26,707
Persuni minorenni nieqsa	22,907	24,628	25,612
Xhieda jew persuni soġġetti għal taħrika ġudizzjarja	64,684	72,958	78,869
Persuni soġġetti għal sorveljanza eċċezzjonali għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika	31,568	34,149	32,571
Persuni soġġetti għal sorveljanza eċċezzjonali għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà nazzjonali	9	98	253

[96] Id-Dokument tal-Kunsill 6162/10, 5.2.2010: Id-Dokument tal-Kunsill 5764/09, 28.1.2009; Id-Dokument tal-Kunsill 5441/08, 30.1.2008.

Total	**22,933,370**	**27,919,849**	**31,618,951**

IL-EURODAC – Il-moviment ta' persuni li jfittxu asil li ssottomettew applikazzjonijiet ġidda fl-istess Stat Membru jew fi Stati Membri oħra (2008)

Stati Membri li jibagħtu l-marki tas-swaba' għall-paragun u jiksbu 'riżultat' mill-Istat Membru (kolonni) fejn persuna tkun preċedentement applikat għall-asil	Stat Membru fejn ġiet sottomessa l-ewwel applikazzjoni għall-asil[97]																													Total tat-tieni applikazzjoni	
	AT	BE	BG	CH	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	IE	IS	IT	LT	LU	LV	MT	NL	NO	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK	Riżultat intern	Riżultati totali
AT	1,725	74	2	0	1	87	274	5	2	31	12	25	115	212	5	0	134	3	14	0	9	52	49	1,371	1	42	111	17	260	61	**1,725**	**4,694**
BE	180	5,450	4	0	3	38	408	17	0	41	17	28	378	67	28	0	69	3	37	0	2	180	73	625	6	3	192	17	58	205	**5,450**	**8,129**
BG	5	2	116	0	1	1	5	1	0	7	0	0	0	1	0	0	1	0	2	0	0	1	3	0	0	6	8	0	0	4	**116**	**164**
CH	32	52	1	4	3	5	35	0	0	17	17	8	39	19	1	0	355	0	1	0	13	15	37	3	1	0	41	4	4	25	**4**	**732**
CY	1	0	0	0	68	0	1	0	0	2	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	**68**	**73**
CZ	55	12	0	0	0	637	48	4	0	0	3	4	13	0	1	0	8	2	1	0	0	7	6	17	1	0	13	0	1	6	**637**	**839**
DE	260	268	12	0	4	79	1,852	42	0	174	39	56	256	106	9	2	200	5	26	2	5	174	137	149	4	43	567	30	89	128	**1,852**	**4,718**
DK	44	43	3	0	0	13	126	119	0	27	13	44	36	13	4	0	47	0	7	0	0	30	225	55	2	4	436	2	7	41	**119**	**1,341**
EE	0	0	0	0	0	0	1	1	0	0	0	8	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	0	0	3	0	0	9	**0**	**23**
EL	66	88	27	0	12	9	131	10	0	766	8	8	35	3	9	0	48	0	1	0	0	33	24	3	0	13	141	0	8	316	**766**	**1,759**
ES	16	18	2	0	1	3	37	1	0	11	108	0	29	4	5	0	35	0	0	0	0	9	9	4	6	0	21	5	1	16	**108**	**341**
FI	37	44	1	0	1	10	115	25	0	48	5	229	14	30	10	1	194	0	3	0	90	49	107	44	2	4	362	3	3	81	**229**	**1512**
FR	365	339	0	0	8	97	502	29	0	92	78	31	860	161	8	0	336	11	26	1	29	106	74	1,739	8	9	286	37	75	190	**860**	**5,497**
HU	297	53	4	0	1	3	169	4	0	2	3	19	70	791	1	0	27	1	10	0	0	28	32	0	0	76	79	19	14	14	**791**	**1,717**
IE	20	21	0	0	4	2	24	1	0	9	8	0	23	4	309	0	35	0	4	0	4	16	7	0	0	0	22	2	2	187	**309**	**704**
IS	4	3	0	0	0	0	3	0	0	3	1	1	6	2	1	0	3	0	1	0	1	3	10	1	0	0	11	1	0	3	**0**	**58**
IT	390	111	5	0	6	33	349	11	0	270	47	27	192	60	23	5	3,290	0	11	0	58	78	116	9	2	6	201	59	224	680	**3,290**	**6,263**
LT	3	1	0	0	1	3	0	0	0	0	1	0	1	0	0	0	0	5	0	0	0	0	4	14	0	0	5	0	2	0	**5**	**40**
LU	7	21	4	0	0	0	12	2	0	0	0	1	9	6	0	1	8	0	2	0	1	6	4	0	0	0	10	3	1	3	**2**	**101**
LV	3	1	0	0	0	0	1	0	1	0	0	0	1	0	0	0	0	5	0	0	0	0	0	0	0	0	1	0	2	0	**0**	**15**
MT	1	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0	5	1	0	0	0	6	0	0	0	16	0	1	0	0	0	1	1	0	0	**16**	**32**
NL	109	223	16	0	1	27	198	21	0	113	16	29	109	33	7	1	226	0	14	0	58	1,240	95	16	8	9	289	8	22	129	**1,240**	**3,017**
NO	84	103	6	0	2	13	256	76	0	199	55	57	78	23	8	0	524	8	13	1	83	86	276	164	1	9	826	10	21	96	**276**	**3,078**
PL	188	65	0	0	0	30	68	15	0	0	2	4	75	1	1	0	0	3	3	0	0	7	27	1,208	1	1	43	1	13	4	**1,208**	**1,760**
PT	1	10	0	0	0	0	4	1	0	0	11	0	9	0	0	0	2	0	2	0	0	2	2	0	3	0	2	0	1	2	**3**	**52**
RO	43	2	5	0	1	9	33	0	0	3	0	5	14	11	0	0	0	0	1	0	0	9	1	1	0	64	17	0	4	4	**64**	**227**
SE	243	133	30	0	4	36	516	173	0	143	29	143	145	80	16	3	276	0	16	0	130	98	430	147	5	13	1,914	11	26	122	**1,914**	**4,882**
SI	14	4	0	0	0	1	10	1	0	1	1	2	15	6	0	0	5	0	1	0	0	2	3	0	0	0	5	45	3	2	**45**	**121**
SK	105	4	0	0	0	7	33	0	1	0	0	1	2	12	0	0	3	0	0	1	0	4	4	4	0	0	9	2	195	6	**195**	**393**
UK	109	153	7	0	3	12	276	30	0	108	6	38	209	25	217	2	768	0	8	0	43	128	76	7	4	11	174	6	46	3,141	**3,141**	**5,607**
Total tal-ewwel applikazzjoni	**4,407**	**7,298**	**245**	**4**	**125**	**1,155**	**5,487**	**589**	**4**	**2,067**	**480**	**773**	**2,734**	**1,670**	**663**	**15**	**6,600**	**46**	**204**	**5**	**542**	**2,363**	**1,833**	**5,581**	**55**	**313**	**5,791**	**283**	**1,082**	**5,475**	**24,433**	**57,889**

[97] COM(2009) 494, tal-25.9.2009. 'Riżultat pożittiv intern' tirreferi għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-asil ġdida fl-Istat Membru fejn ġiet sottomessa dik preċedenti.

Is-Sistema ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API)

L-użu tar-Renju Unit ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri ġħat-titjib tal-kontroll tal-fruntieri u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari[98]	
Numru ta' azzjonijiet meħuda fl-2009	
Passat marbut mal-kriminalità (il-persuna miċħuda mid-dħul)	379
Passaporti mitlufin, misruqin jew kanċellati (sekwestrati)	56

[98] L-Aġenzija tal-Fruntieri tar-Renju Unit provdiet din l-informazzjoni lill-Kummissjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS)

Numru totali ta' każijiet li jiddaħħlu fil-bażi tad-dejta tas-CIS (2009)[99]	
Azzjoni	**CIS (bażat fuq il-Konvenzjoni CIS)**
Każijiet maħluqa	2,007
Każijiet attivi	274
Każijiet konsultati	11,920
Każijiet imħassra	1,355

[99] Din l-informazzjoni kienet provduta mill-Kummissjoni.

L-Inizjattiva Svediża

Eżempji tal-użu tal-inizjattiva Svediża ghall-investigazzjoni ta' reati kriminali[100]	
Omiċidju	Fl-2009, seħħ omiċidju f'kapitali ta' Stat Membru. Il-pulizija ġabret kampjun bijoloġiku minn tazza li l-persuna suspettata kienet qed tixrob minnha. Hija kisbet id-DNA minn dan il-kampjun, u x-xjentisti forensiċi ġġeneraw profil tad-DNA. Paragun ta' dan il-profil ma' profili ta' referenza fil-bazi tad-dejta nazzjonali tad-DNA ma ta l-ebda riżultat. Għalhekk, il-pulizija li kienu qed iwettqu l-investigazzjoni bagħtu, permezz tal-punt ta' kuntatt ta' Prüm, talba biex iqabblu l-profili ta' referenza tad-DNA li kellhom l-Istati Membri l-oħra li kienu awtorizzati li jiskambjaw tali dejta fuq il-bażi tad-Deċiżjoni ta' Prüm jew il-Ftehim ta' Prüm. Il-paragun transkonfinali pproduċa 'riżultat'. Fuq il-bażi tal-inizjattiva Svediża, il-forza tal-pulizija li kienet qed tinvestiga talbet aktar dejta dwar il-persuna suspettata. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali rċieva tweġiba mingħand għadd ta' Stati Membri oħra fi żmien 36 siegħa li ppermetta lill-pulizija li tidentifika l-persuna.
Stupru	Fl-2003, persuna mhux identifikata stuprat mara. Il-pulizija ġabret kampjuni mingħand il-vittma, imma l-profil tad-DNA ġenerat mill-kampjun ma qabel ma' ebda profil ta' referenza fil-bażi tad-dejta nazzjonali tad-DNA. Talba għat-tqabbil tad-DNA, li ntbagħtet mill-punt ta' kuntatt Prüm lill-Istati Membri l-oħra li kienu awtorizzati li jiskambjaw profili ta' referenza tad-DNA fuq il-bażi tad-Deċiżjoni ta' Prüm jew il-Ftehim ta' Prüm, produċiet 'riżultat'. Il-forza tal-pulizija li kienet qed tinvestiga imbagħad talbet aktar informazzjoni dwar il-persuna taħt l-inizjattiva Svediża. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali rċieva tweġiba fi żmien tmien sigħat li ppermetta lill-pulizija li tidentifika l-persuna.

[100] Forza tal-pulizija ta' Stat Membru provdiet dwar l-eżempji lill-Kummissjoni ghall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Id-Deċiżjoni ta' Prüm

Il-Ġermanja kisbet 'riżultati' bi tqabbil ta' profili tad-DNA skont it-tip ta' reat (2009)[101]					
Riżultati skont it-tip ta' reat	**L-Awstrija**	**Spanja**	**Il-Lussemburgu**	**Il-pajjiżi baxxi**	**Is-Slovenja**
Reati kontra interessi pubbliċi	32	4	0	5	2
Reati kontra l-libertà personali	9	3	5	2	0
Reati sesswali	40	22	0	31	4
Reati kontra l-persuna	49	24	0	15	2
Reati oħra	3,005	712	18	1,105	71

[101] It-tweġiba tal-Gvern Ġermaniż għall-Mistoqsija Parlamentai li saret minn Ulla Jelpke, Inge Höger u Jan Korte (Nru ta' Referenza 16/14120), Bundestag, 16-il Sessjoni, Referenza Nru 16/14150, 22.10.2009. Dawn iċ-ċifri huma relatati mal-perjodu li jibda minn meta Stat Membru jibda jiskambja d-dejta mal-Ġermanja u jispiċċaw fit-30 ta' Settembru 2009.

Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta

Eżempji ta' Stati Membri li jsolvu każijiet ta' reati serji permezz taż-żamma tad-dejta[102]	
Omiċidju	Awtorità tal-pulizija ta' Stat Membru rnexxielha tirrintraċċa qattiela responsabbli minn qtil ta' sitt individwi b'motiv razzjali. Il-qattiela ppruvaw jevitaw milli jinqabdu billi bidlu s-SIM cards tagħhom, imma l-listi tat-telefonati u l-identifikaturi tat-tagħmir tal-mowbajl kixfuhom.
Omiċidju	L-awtorità tal-pulizija setgħet iġġib provi dwar l-involviment ta' żewġ persuni suspettati f'każ ta' omiċidju permezz tal-analiżi ta' dejta tat-traffiku mill-mowbajl tal-vittma. Dan ippermetta lill-pulizija li jirrikostruwixxu r-rotta li l-vittma u ż-żewġ persuni suspettati kienu vjaġġaw flimkien.
Serq	L-awtoritajiet irrintraċċaw ħalliel li kien wettaq 17-il serqa billi studjaw it-traffiku tad-dejta li kien għadda mis-SIM card anonima bla kuntratt. Wara li identifikaw lit-tfajla tiegħu, kienu kapaċi jaqbdu l-ħalliel.
Frodi	L-investigaturi kixfu qerq fejn grupp ta' persuni li kienu qed jirreklamaw karozzi ta' valur fuq l-internet bi prezz 'għal flus kontanti' kienu qed jisirqu lil dawk li kienu qed jiġu biex jiġbru l-karozza. Billi sabu l-indirizz tal-IP il-pulizija setgħu jsibu l-isem tal-persuna li fuqha kien sar l-abbonament tal-internet u jarrestaw lill-ħallelin.

102 Dawn l-eżempji anonimi huma bażati fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri għal kwestjonarju tal-Kummissjoni tal-2009 rigward it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/24/KE (Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta).

Kooperazzjoni tal-Unità ta' *Intelligence* Finanzjarja (FIU)

Numru totali ta' talbiet ta' informazzjoni li saru mill-FIUs nazzjonali permezz tal-FIU.net[103]		
Sena	**Talbiet ta' informazzjoni**	**Utenti attivi**
2007	3,133	12-il Stat Membru
2008	3,084	13-il Stat Membru
2009	3,520	18-il Stat Membru

[103] L-Uffiċċju FIU.net provda din l-informazzjoni lill-Kummissjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

Kooperazzjoni Uffiċċju tal-Irkupru ta' Assi (ARO)

Talbiet għall-intraċċar tal-assi sottomessi mill-Istati Membri u ġestiti mill-Europol[104]				
Sena	**2004**	**2005**	**2006**	**2007**
Talbiet	5	57	53	133
Li minnhom:				
Każijiet relatati mal-frodi				29
Każijiet relatati mal-ħasil tal-flus				26
Każijiet relatati mad-drogi				25
Każijiet relatati ma' reati oħra				18
Każijiet relatati mad-drogi u l-ħasil tal-flus				19
Każijiet relatati mal-frodi u l-ħasil tal-flus				7
Każijiet relatati ma' taħlita ta' reati				9

Każijiet ta' konfiskar tal-assi ġestiti mill-Eurojust (2006-2007)[105]			
Tipi ta' każijiet		**Każijiet mibdija minn**	
Każijiet relatati ma' reati ambjentali	1	Il-Ġermanja	27%
Każijiet relatati mal-parteċipazzjoni ta' organizzazzjoni kriminali	5	Il-pajjiżi Baxxi	21%
Każijiet relatati mat-traffikar tad-drogi	15	Ir-Renju Unit	15%
Każijiet relatati mal-frodi fit-taxxi	8	Il-Finlandja	13%
Każijiet relatati mal-frodi	8	Franza	8%
Każijiet relatati mal-frodi fil-VAT	1	Spanja	6%
Każijiet relatati mal-ħasil tal-flus	9	Il-Portugall	4%
Każijiet relatati mal-korruzzjoni	1	L-Isvezja	2%
Każijiet relatati ma' kriminalità kontra l-propjetà	2	Id-Danimarka	2%
Każijiet relatati mat-traffikar tal-armi	1	Il-Latvja	2%
Każijiet relatati mal-iffalsifikar u l-piraterija tal-prodotti	2		
Kazijiet relatati mal-frodi fi ħlas bil-quddiem	2		
Każijiet relatati mal-iffalsifikar ta' dokumenti amministrattivi	1		
Każijiet relatati ma' reati relatati ma' vetturi	1		
Każijiet relatati mat-terroriżmu	1		
Każijiet relatati mal-iffalsifikar	2		
Każijiet relatati mat-traffikar tal-bnedmin	1		

104 Jevalwa l-effettività tal-prattiċi tal-Istati Membri tal-UE fl-identifikazzjoni, rintraċċar, friżar u konfiskar ta' assi kriminali – Rapport Finali (għall-Kummissjoni Ewrpea EĠ ĠAI), Matrix Insight, 6.2009.

105 Ibid.

Pjattaformi ta' Twissija għal kontra ċ-Ċiberkriminalità

Eżempji ta' Pjattaforma Franċiża għal Twissija taċ-Ċiberkriminalità, Pharos, li investigat każijiet ta' ċiberkriminalità.[106]	
Pornografija li tinvolvi t-tfal	Utent tal-internert avża lil Pharos dwar l-eżistenza ta' blogg li fih ritratti u stampi stil ta' cartoons ta' abbuż sesswali tat-tfal. L-editur tal-blogg, li deher għarwien f'waħda mill-istampi, kien iħejji t-tfal għal kuntatt sesswali permezz tal-blogg. L-investigaturi identifikaw għalliem tal-matematika bħala s-susspettat ewlieni. Tiftixa fid-dar tiegħu rriżultat f'49 vidjow li kien fihom xbihat ta' pedopornigrafija. L-investigazzjoni żvelat ukoll li kien għamel tħejjijiet biex jibda jagħti kors mid-dar. L-akkużat instab ħati u ngħata sentenza ta' ħabs sospiża.
Abbuż sesswali tat-tfal	Il-pulizija Franċiża ngħataw informazzjoni dwar individwu li kien qed joffri l-flus fuq l-internet għas-sess mat-tfal. Pulizija pajżan tal-Pharos li għamilha ta' bir-ruħu li huwa minorenni kkuntattja lill-persuna susspettata li offrietlu l-flus għas-sess. Billi qagħdu jkellmuh fuq l-internet, il-persunal tal-Pharos setgħu jiksbu l-indirizz tal-Protokoll tal-Internet, u rrintraċċawh għal villaġġ li huwa magħruf għar-rata għolja ta' abbuż sesswali tat-tfal. L-akkużat instab ħati u ngħata sentenza ta' ħabs sospiża.

[106] Pharos tirreferi għal "plate-forme d'harmonisation, d'analyse, de recoupement et d'orientation des signalements".

Eżempji tal-kontribut tal-Europol fil-ġlieda kontra reati serji transkonfinali[107]	
Operazzjoni Andromeda	F'Diċembru tal-2009, il-Europol għenet biex timplimenta operazzjoni kbira transkonfinali tal-pulizija kontra xibka tat-traffikar tad-droga b'kuntatti fi 42 pajjiż. Dan in-netwerk kien ibbażat fil-Belġju u fin-Norveġja u kien jittraffika d-drogi mill-Peru permezz tal-Pajjiżi Baxxi, lill-Belġju, ir-Renju Unit, l-Italja u Stati Membri oħra. Il-kooperazzjoni tal-pulizija kienet koordinata mill-Europol; il-kooperazzjoni ġudizzjarja mill-Eurojust. L-awtoritajiet li pparteċipaw waqqfu uffiċċju mobbli f'Pisa; il-Europol, waqqfu kamra għall-operazzjonijiet fl-Aja. Il-Europol qasmu l-informazzjoni dwar il-persuni susspettati u pproduċew rapport li jagħti stampa ċara tan-netwerk kriminali.
Parteċipanti	L-Italja, il-Pajjiżi Baxxi, il-Ġermanja, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Litwanja, in-Norveġja u l-Eurojust.
Riżultati	Il-forzi tal-pulizija li pparteċipaw qabdu 49 kg ta' kokaina, 10kg ta' eroina, 6000 pillola ekstasi, żewġ pistoli, ħames dokumenti tal-identità foloz u EUR 43,000 fi flus kontanti u arrestaw 15-il persuna.
Operazzjoni Typhon	Bejn April tal-2008 u Frar tal-2010, Europol ipprovda appoġġ analitiku lill-forzi tal-pulizija minn 20 pajjiż involut fl-Operazzjoni Typhon. F'din l-operazzjoni kbira kontra xibka ta' pedofili li kienu qed iqassmu stampi pornografiċi tat-tfal permezz ta' websajt Awstrijaka, il-Europol taw appoġġ tekniku u għamlu analiżi tal-*intelligence* kriminali fuq il-bażi tal-istampi li waslu mill-Awstrija. Huma imbagħad evalwaw l-affidabbiltà tad-dejta u rristrutturawha qabel ma ħejjew il-materjal tal-*intelligence* tagħhom. Billi qabblu d-dejta mal-informazzjoni li kien hemm fil-Fajl ta' Ħidma Analitika, huma pproduċew 30 rapport ta' *intelligence* li taw bidu għal investigazzjonijiet f'għadd ta' pajjiżi.
Parteċipanti	L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kanada, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi Baxxi, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvizzera u r-Renju Unit.
Riżultati	Il-forzi parteċipanti identifikaw 286 persuna suspettata, u arrestaw 118 minnhom u salvaw ħames vittmi f'erba' pajjiżi li sofrew l-

[107] Il-Europol provda din l-informazzjoni lill-Kummissjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni. Aktar informazzjoni dwar l-Operazzjoni Andromeda tinsab fis-sit http://www.eurojust.europa.eu/.

abbuż f'dan il-każ.

Il-Eurojust

Eżempji ta' koordinazzjoni mill-Eurojust ta' operazzjonijiet ġudizzjarji transkonfinali kbar kontra reati serji[108]	
Traffikar fil-bnedmin u ffinanzjar tat-terroristi	F'Mejju tal-2010, il-Eurojust ikkoordina operazzjoni transkonfinali li rriżultat fl-arrest ta' ħames membri ta' xibka ta' kriminalità organizzata attiva fl-Afganistan, il-Pakistan, ir-Rumanija, l-Albanija u l-Italja. Il-grupp kien jissupplixxi lil ċittadini Afgani u Pakistani b'dokumenti foloz, u jittraffikahom lejn l-Italja mill-Iran, it-Turkija u l-Greċja. Meta jaslu l-Italja, l-immigranti kienu jintbagħtu l-Ġermanja, l-Isvejza, il-Belġju, ir-Renju Unit u n-Norveġja. Id-dħul mit-traffikar kien intenzjonat biex jiffinanzja t-terroriżmu.
Frodi b'kards bankarji	Billi kkoordinaw il-kooperazzjoni transkonfinali ġudizzjarja u bejn il-pulizija, il-Eurojust u l-Europol għenu biex qabdu netwerk ta' frodi ta' kards tal-banek attiv fl-Irlanda, l-Italja, il-Pajjiżi baxxi, il-Belġju u r-Rumanija. Dan in-netwerk kien jisraq id-dejta ta' identifikazzjoni ta' xi 15,000 kards tal-ħlas u kkawża telf ta' EUR 6.5 miljuni. Qabel din l-operazzjoni, li rriżultat f'24 arrest f'Lulju tal-2009, il-maġistrati Belġjani, Irlandiżi, Taljani, Olandiżi u Rumeni ffaċilitaw il-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u talbu biex isir *wiretapping* fuq il-persuni susspettati.
It-traffikar tal-bnedmin u tad-drogi	Wara laqgħa ta' koordinazzjoni organizzata mill-Eurojust f'Marzu tal-2009, l-awtoritajiet Taljani, Olandiżi u Kolumbjani arrestaw 62 individwu susspettati bit-traffikar fil-bnedmin u tad-drogi. Dan in-netwerk kien jittraffika nisa vulnerabbli min-Niġerja lejn l-Olanda, u jisfurzahom fil-prostituzzjoni fl-Italja, Franza u Spanja. Id-dħul mill-prostituzzjoni kien jiffinanzja netwerk ta' xiri tal-kokaina fil-Kolombja, li kienet tintbagħat fl-UE għall-konsum.

108 Dawn l-eżempji nksibu mis-sit http://www.eurojust.europa.eu/.

Eżempji ta' analiżi tal-PNR li taw informazzjoni f'investigazzjoni ta' reati serji transkonfinali[109]	
Traffikar tat-tfal	L-analiżi tal-PNR żvela li tlett itfal mhux akkompanjati kienu qed jivvjaġġaw minn Stat Membru tal-UE lejn pajjiż terz, b'ebda indikazzjoni dwar min kellu jiltaqa' magħhom meta jaslu. Twissija mill-pulizija tal-Istat Membru tat-tluq, lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz wasslet għall-arrest tal-persuna li kien qiegħda tmur tiġbor it-tfal: persuna mniżżla fir-reġistru ta' dawk li jwettqu reati sesswali fl-Istat Membru.
It-traffikar tal-bnedmin	L-analiżi tal-PNR kixef grupp ta' traffikanti tal-bnedmin li kienu dejjem jivvjaġġaw fl-istess rotta. Huma kienu jużaw dokumenti foloz biex jagħmlu check-in għal titjiret ġewwa l-UE, u fl-istess ħin kienu jużaw dokumenti awtentiċi biex jagħmlu check-in għal titjira oħra lejn pajjiż terz. Ladraba jidħlu fiż-żona sigura tal-ajruport, huma kienu jitilgħu fuq ajruplan li se jtir lejn l-UE stess.
Frodi b'kards ta' kreditu	Għadd ta' familji vjaġġaw lejn Stat Membru b'biljetti mixtrija b'kards ta' kreditu misruqa. Ir-riċerka wriet li grupp kriminali użа dawn il-kards biex jixtri l-biljetti, imbagħad biegħhom permezz ta' ċentri tal-bejgħ bit-telefon. Kien permezz tad-dejta tal-PNR li nstabet il-konnessjoni bejn il-kards tal-kreditu u l-bejjiegħa.
Traffikar tad-drogi	Awtorità tal-pulizija ta' Stat Membru kellha informazzjoni li tissuġġerixxi li raġel kien involut fit-traffikar tad-drogi minn pajjiż terz imma l-gwardjani tal-fruntieri ma sabulu xejn meta wasal fl-UE. L-analiżi tal-PNR żvelat li huwa kien dejjem jivvjaġġa ma' persuna oħra. Tfittxija fuq il-persuna li kienet tkun miegħu żvelat kwantitajiet kbar ta' droga.

[109] Dawn l-eżempji qed jiġu mogħtija b'mod anonimu biex jiġu protetti s-sorsi tal-informazzjoni.

Programmar tal-Intraċċar tal-Finanzjament tat-Terroristi (TFTP)

Eżempji ta' informazzjoni li nkisbet mit-TFTP fl-investigazzjoni ta' pjanijiet ta' attentati terroristiċi[110]	
Attentat terroristiku f'Barċellona fl-2008	F'Jannar tal-2008 għaxar persuni suspettati ġew arrestati f'Barċellona wara li l-attentat tagħhom li jattakkaw is-sistema tat-trasport pubbliku tal-belt ġie sfrattat. Id-dejta tat-TFTP intużat biex tidentifika l-konnessjoni tal-persuni sospettati mal-Asja, l-Afrika u l-Amerika ta' Fuq.
Attent b'bomba likwida fuq titjira transatlantika fl-2006	L-informazzjoni tat-TFTP intużat biex jiġu investigati u arrestati individwi li kienu qed jippjanaw li, f'Awwissu tal-2006 jisplodu għaxar ajruplani fuq l-Atlantiku fi triqithom lejn l-Istati Uniti u l-Kanada mir-Renju Unit.
Il-bombi f'Londra fl-2005	Id-dejta tat-TFTP intużat biex tipprovdi indizzji ġodda lill-investigaturi, tikkonferma l-identità tal-persuni susspettati u tiżvela r-relazzjonijiet bejn l-individwi responsabbli minn dan l-attakk.
Il-bombi f'Madrid fl-2004	Dejta tat-TFTP ġiet provduta minn għadd ta' Stati Membri tal-UE biex jgħinu fl-investigazzjonijiet wara dan l-attakk.

110 It-tieni rapport dwar l-ipproċessar tad-dejta personali li toriġina fl-UE mid-Dipartment tat-Teżor tal-Istati Uniti għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-Imħallef Jean-Louis Bruguière, Jannar 2010.

ANNESS II

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS)	Mibdija mill-Istati Membri	Biex tinżamm is-sigurtà pubblika, inkluż is-sigurtà nazzjonali fi ħdan iż-żona ta' Schengen u jiġi faċilitat il-moviment tal-persuni permezz tal-użu tal-informazzjoni li tiġi kkomunikata permezz tas-sistema.	Ċentralizzata: N.SIS (partijiet nazzjonali) konnessi ma' interface għas-C.SIS (parti ċentrali).	Ismijiet u psewdonimi, karatteristiċi fiżiċi, post u data tat-twelid, iċ-ċittadinanza u jekk individwu jkunx armat jew vjolenti. Twissijiet tas-SIS jinvolvu għadd ta' gruppi differenti ta' persuni.	Il-pulizija, pulizija tal-fruntieri, dwana u l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom aċċess għad-dejta kollha; l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u konsulari għandhom aċċess għal-lista ta' projbizzjoni ta' dħul u dokumenti mitlufin u misruqin. Il-Europol u l-Eurojust għandhom aċċess għal xi dejta.	Kunsill tal-Ewropa (CoE) Konvenzjoni 108 u Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 CoE.	Id-dejta personali li tiddaħħal fis-SIS għall-fini tar-rintraċċar tal-persuni tista' tinżamm biss għaż-żmien meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan, u mhux aktar minn tliet snin. Dejta dwar persuni soġġetti għal monitoraġġ eċċezzjonali minħabba li huma theddida għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali, trid titħassar wara sena.	Is-SIS hija applikabbli bis-sħiħ fi 22 Stat Membru, u kif ukoll fl-Isvizzera, fin-Norveġja u fl-Islanda. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jipparteċipaw fis-SIS bl-eċċezzjoni tat-twissijiet relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jinsabu fuq il-lista ta' projbizzjoni ta' dħul. Il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Liechtenstein huma mistennija li jimplimentaw din il-miżura dalwaqt.	Il-firmatarji jistgħu jipproponi emendi għall-Konvenzjoni ta' Schengen. It-test emendat ikollu jiġi adottat permezz ta' unanimità u ratifikat mill-parlamenti.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II)	Mibdija mill-Kummissjoni	Biex tiżgura livell għoli ta' sigurtà fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja u li tiffaċilita l-moviment tal-persuni billi tintuża informazzjoni komunikata permezz ta' din is-sistema.	Ċentralizzata: N.SIS (partijiet nazzjonali) konnessi ma' interface għas-CS-SIS (parti ċentrali). Is-SIS II se titħaddem fuq in-netwerk sigur s-TESTA	Il-kategoriji tad-dejta fis-SIS flimkien ma' marki tas-swaba' u ritratti, kopji tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, twissijiet ta' identità użata ħażin u konnessjonijiet bejn it-twissijiet. Twissijiet tas-SIS II jinvolvu għadd ta' gruppi differenti ta' persuni.	Il-pulizija, pulizija tal-fruntieri, dwana u l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom aċċess għad-dejta kollha; l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u konsulari għandhom aċċess għal-lista ta' projbizzjoni ta' dħul u dokumenti mitlufin u misruqin. Il-Europol u l-Eurojust għandhom aċċess għal xi dejta.	Regoli speċifiċi stabbiliti taġt l-atti legali bażiċi li jiggvernaw is-SIS II u d-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) 45/2001, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ir-Regolament (KE) 45/2011, Konvenzjoni 108 CoE Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15.	Id-dejta personali li tiddaħħal fis-SIS għall-fini tar-rintraċċar tal-persuni tista' tinżamm biss għaż-żmien meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan, u mhux aktar minn tliet snin. Dejta dwar persuni soġġetti għal monitoraġġ eċċezzjonali minħabba li huma theddida għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali, trid titħassar wara sena.	Is-SIS II qed tiġi implimentata. Ladarba tibda topera, ser tkun applikabbli fl-UE-27, fl-Isvizzera, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Islanda. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ser jipparteċipaw fis-SIS II bl-eċċezzjoni tat-twissijiet relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jinsabu fuq il-lista ta' projbizzjoni ta' dħul.	Il-Kummissjoni trid tibgħat rapport ta' progress kull sentejn lill-Parlament Ewropew (PE) u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tas-SIS II u migrazzjoni potenzjali mis-SIS.
EURODAC	Mibdi mill-Kummissjoni	Biex jgħin jiddetermina liema Stat Membru għandu jevalwa applikazzjoni tal-asil.	Ċentralizzat, jikkonsisti f'punti ta' aċċess nazzjonali konnessi ma' interface għall-unità ċentrali tal-EURODAC. Il-EURODAC jitħaddem fuq in-netwerk s-TESTA.	Dejta tal-marki tas-swaba', sess, il-post u d-data tal-applikazzjoni għall-asil, in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru tal-oriġini u d-data li fiha ttieħdu l-marki tas-swaba' u ġew trażmessi u mdaħħla fis-sistema.	L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-lista tal-awtoritajiet li jkollhom aċċess għad-dejta, li tipikament tkun tinkludi l-awtoritajiet responsabbli mill-asil u l-migrazzjoni, l-għassiesa tal-fruntiera u l-pulizija.	Id-Direttiva 95/46/KE.	10 snin għall-marki tas-swaba' ta' dawk li qed ifittxu asil; sentejn għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinqabdu fi qsim irregolari tal-fruntieri esterni.	Ir-Regolament tal-EURODAC huwa fis-seħħ f'kull Stat Membri, fin-Norveġja, fl-Islanda u fl-Isvizzera. Ftehim li jippermetti l-konnessjoni tal-Liechtenstein qed jiġi konkluż.	Il-Kummissjoni trid tibgħat rapport annwali lill-PE u lill-Kunsill dwar l-operazzjoni tal-unità ċentrali tal-EURODAC.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Sistema ta' Informazzjoni dwar il-VIŻA (VIS)	Mibdija mill-Kummissjoni	Biex tgħin timplimenta politika komuni dwar il-viża u tipprevjeni theddid għas-sigurtà interna.	Ċentralizzata, tikkonsisti f'partijiet nazzjonali li jiġu konnessi b'interface mal-parti ċentrali. Il-VIS titħaddem fuq in-netwerk s-TESTA.	Applikazzjonijiet tal-viża, ritratti, deċiżjonijiet relatati mal-viża u konnessjonijiet bejn applikazzjonijiet relatati.	Viża, asil, awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-kuntroll tal-fruntieri jkollhom aċċess għad-dejta kollha. Il-pulizija u l-Europol jistgħu jikkonsultaw il-VIS għall-prevenzjoni, is-sejba u l-investigazzjoni ta' reati serji.	Regoli speċifiċi stabbiliti taħt l-atti legali bażiċi li jiggvernaw il-VIS u d-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) 45/2001, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, il-Konvenzjoni 108, Protokoll Addizzjoniji 181 CoE u CoE Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15.	5 snin.	Il-VIS qed tiġi implimentata u se tkun applikabbli f'kull Stat Membru (ħlief fir-Renju Unit u fl-Irlanda) kif ukoll fin-Norveġja, fl-Islanda u fl-Isvizzera	Il-Kummissjoni trid tirrapporta lill-PE u lill-Kunsill dwar l-operazzjoni tal-VIS tliet snin wara li titnieda u imbagħad kull erba' snin.
Is-Sistema ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API)	Mibdija minn Spanja.	Biex ittejjeb il-kontroll tal-fruntieri u tiġi miġġielda l-immigrazzjoni irregolari.	Deċentralizzata	Dejta personali mill-passaporti, il-punt tal-embarkazzjoni u l-punt tad-dħul fl-UE.	L-awtoritajiet tal-kontroll tal-fruntieri u, fuq talba, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.	Id-Direttiva 95/46/KE.	Id-dejta trid titħassar 24 siegħa wara li titjira tasal fl-UE.	L-API hija fis-seħħ f'kull Stat Membru, imma ftit minnhom jużawha.	Il-Kummissjoni se tevalwa s-sistema tal-API fl-2011.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Konvenzjoni Napli II	Mibdija mill-Istati Membri	Biex tgħin l-awtoritajiet doganali nazzjonali jipprevjenu u jsibu ksur tad-dispożizzjonijiet doganali nazzjonali u biex jgħinuhom iressqu l-qorti u jikkastigaw ksur tad-dispożizzjonijiet doganali nazzjonali u tal-Komunità.	Deċentralizzata, topera permezz ta' sett ta' unitajiet ta' koordinazzjoni ċentrali.	Kull informazzjoni relatata ma' persuna identifikata jew identifikabbli.	L-unitajiet ta' koordinazzjoni ċentrali jgħaddu d-dejta lill-awtoritajiet doganali nazzjonali, lill-awtoritajiet investigattivi u lill-korpi ġudizzjarji u, soġġetti għal kunsens minn qabel tal-Istat Membru li jipprovdi d-dejta, lil awtoritajiet oħra.	Id-Direttiva 95/46/KE u l-Konvenzjoni 108 CoE . Id-dejta fl-Istat Membru li jirċeviha trid tingħata livell ta' protezzjoni li mill-anqas ikun ekwivalenti għall-dak tal-Istat Membru li jipprovdiha.	Id-dejta tista' tinżamm għal perjodu li ma jaqbiżx dak li huwa neċessarju għall-iskop li għalih tiġi provduta.	Din il-Konvenzjoni ġiet ratifikata minn kull Stat Membru.	Il-firmatarji jistgħu jipproponi emendi għall-Konvenzjoni Napli II. It-test emendat ikollu jiġi adottat mill-Kunsill u ratifikat mill-Istati Membri.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS)	Mibdija mill-Istati Membri	Biex tgħin awtoritajiet kompetenti biex jipprevjenu u jinvestigaw u jressqu l-qorti ksur serju tal-liġijiet doganali nazzjonali.	Ċentralizzata, aċċessibbli permezz ta' terminals f'kull Stat Membri u fil-Kummissjoni. Is-CIS u l-FIDE joperaw fuq il-bażi tal-AFIS, li tuża in-Netwerk ta' komunikazzjoni komuni, in-Netwerk ta' interface ta' sistema komuni jew aċċess sigur għall-internet provdut mill-Kummissjoni.	Ismijiet u psewdonimi, karatteristiċi fiżiċi, post u data tat-twelid, dokumenti tal-identità, indirizz, kull passat ta' vjolenza, ir-raġuni 'l għala tiddaħħal id-dejta fis-CIS, azzjoni proposta u r-reġistrazzjoni tal-mezzi tat-trasport.	Awtoritajiet doganali nazzjonali, il-Europol u l-Eurojust jista' jkollhom aċċess għad-dejta.	Regoli speċifiċi stabbiliti mill-Konvenzjoni CIS u d-Direttiva 95/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-Konvenzjoni 108 CoE u Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 CoE.	Dejta personali kkuppjata mis-CIS għal sistemi oħra għall-immaniġġjar tar-riskju jew għall-analiżi operazzjonali jistgħu jinżammu boss għaż-żmien neċessarju biex jinkiseb l-iskop li għalih ġew ikkuppjati u mhux aktar minn 10 snin.	Fis-seħħ f'kull Stat Membru.	Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tirrapporta kull sena lill-PE u lill-Kunsill dwar l-operat tas-CIS.
L-Inizjattiva Svediża	Mibdija mill-Isvezja.	Biex ittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet kriminali u operazzjonijiet ta' intelligence kriminali.	Deċentralizzata, l-Istati Membri jridu jaħtru punti ta' kuntatt nazzjonali li jitrattaw talbiet urġenti għall-informazzjoni.	Kull informazzjoni eżistenti jew intelligence kriminali disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.	Pulizija, dwana u kull awtorità bis-setħa li tinvestiga l-kriminalità (bl-eċċezzjoni tas-servizzi tal-intelligence).	Ir-regoli nazzjonali tal-ħarsien tad-dejta, kif ukoll il-Konvenzjoni 108 CoE, Protokoll Addizzjonali 181 CoE u Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 CoE.	Informazzjoni intelligence fornuta taħt dan l-istrument tista' tintuża għall-iskop li għalih ġiet provduta u taġt kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti mill-Istat Membru li jipprovdihom.	12 mill-31 firmatarju (l-UE u l-istati tal-EFTA) għaddew liġijiet nazzjonali biex jimplimentaw dan l-istrument; ħamsa jimlew il-formola u jitolbu d-dejtal u tnejn spiss jużawha biex jiskambjaw l-informazzjoni.	Fl-2010 l-Kummissjoni se tissottometti rapport ta' evalwazzjoni lill-Kunsill.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Id-Deċiżjoni ta' Prüm	Mibdija mill-Istati Membri	Biex ittejjeb il-prevenzjoni tal-kriminalità, partikolarment it-terroriżmu, u ż-żamma tal-ordni pubblika.	Deċentralizzata, interkonnessa permezz tan-netwerk s-TESTA. Punti ta' kuntatt nazzjonali jitrattaw talbiet li jidħlu u joħorġu għat-tqabbil tad-dejta.	Marki tas-swaba' u profili tad-DNA anonimi, dejta dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u informazzjoni dwar individwi suspettati b'rabtiet mat-terroriżmu.	Talbiet ta' trażmissjoni mill-punti ta' kuntatt; l-aċċess domestiku huwa regolat mil-liġi nazzjonali.	Ir-regoli speċifiki stabbiliti mid-Deċiżjoni ta' Prüm u l-Konvenzjoni 108 CoE, Protokoll Addizzjonali 181 CoE u Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 CoE. L-individwi jistgħu jirrikorru għand is-superviżur nazzjonali għall-ħarsien tad-dejta biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom rigward l-ipproċessar tad-dejta personali.	Id-dejta personali trid titħassar ladarba ma tkunx aktar meħtieġa għall-iskop li għalih tkun ġiet provduta. Il-perjodu massimu domestiku ta' żamma tad-dejta tal-istat li jipprovdiha japplika b'mod vinkolanti fuq l-istat li jirċeviha.	Id-Deċiżjoni ta' Prüm qed tiġi implimentata. Għaxar Stat Membri ġew awtorizzati biex jiskambjaw id-DNA, ħamsa biex jiskambjaw il-marki tas-swaba', seba' biex jiskambjaw id-dejta tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. In-Norveġja u l-Islanda se jidħlu f'dan l-istrument.	Fl-2012 il-Kummissjoni se tissottometti rapport ta' evalwazzjoni lill-Kunsill.
Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta	Mibdija mill-Istati Membri	Biex ittejjeb l-investigazzjoni, is-sejba u l-prosekuzzjoni ta' reati serji billi tinżamm dejta tat-traffiku tal-komunikazzjoni u dwar il-lok.	Deċentralizzata, dan l-instrument jimponi obbligi fuq il-forniturі tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni biex iżommu d-dejta.	Numru tat-telefon, indirizz tal-IP u identifikatur tat-tagħmir tal-mowbajl.	L-awtoritajiet bid-drittijiet tal-aċċess huma definiti nazzjonalment.	Id-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE.	Bejn 6 xhur u 24 xahar.	Sitt Stati Membri għadhom ma trasponewx din id-direttiva, u l-qrati kostituzzjonali Ġermaniżi u Rumeni ddeċidew li r-regoli tal-implimentazzjoni jmorru kontra l-kostituzzjoni.	Fl-2010 l-Kummissjoni se tissottometti rapport ta' evalwazzjoni lill-PE u lill-Kunsill.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)	Mibdija mill-Belġju u proposta mill-Kummissjoni.	Biex ittejjeb il-qsim transkonfinali tad-dejta rigward ir-rekords kriminali ta' ċittadini tal-UE.	Deċentralizzata, interkonnessa permezz ta' sett ta' awtoritajiet ċentrali li jiskambjaw l-informazzjoni miġjuba mir-rekords kriminali permezz tan-netwerk s-TESTA.	Dejta bijografika; kundanna, sentenza u akkuża; dejta addizzjonali inkluż il-marki tas-swaba' (jekk ikunu disponibbli).	Awtoritajiet amministrattivi kompetenti u ġudizzjarji.	Regoli speċifiċi stabbiliti mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, li tinkorpora r-regoli tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/876/ĠAI, kif ukoll id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, il-Konvenzjoni 108 CoE u Rakkomandazzjoni (KE) Nru 45/2001.	Japplikaw ir-regoli domestiċi taż-żamma tad-dejta, minħabba li dan l-istrument jirregola biss l-iskambjar tad-dejta.	L-ECRIS qed jiġi implimentat. Disa' Stati Membri bdew jiskambjaw l-informazzjoni elettronikament.	Il-Kummissjoni se tissottometti żewġ rapporti ta' evalwazzjoni lill-PE u lill-Kunsill: dwar Deċiżjoni Qafas 2008/675/ĠAI, fl-2011; dwar Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI, fl-2015. Mill-2016, il-Kummissjoni trid tippubblika regolarment rapporti dwar l-operar tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI (ECRIS).
Kooperazzjoni taħt l-Unità ta' *Intelligence* Finanzjarja (FIU.net)	Mibdija mill-Pajjiżi baxxi.	Biex jiskambjaw informazzjoni meħtieġa għall-analiżi u l-investigazzjoni ta' ħasil ta' flus u finanzjar tat-terroristi.	Deċentralizzata, l-FIUs jiskambjaw id-dejta permezz tal-FIU.net, li titħaddem fuq in-netwerk s-TESTA. L-applikazzjoni SIENA tal-Europol tista' dalwaqt issaħħaħ l-FIU.net.	Kull dejta relevanti għall-analiżi jew l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus jew l-iffinanzjar tat-terroristi.	Unitajiet ta' Intelligence Finanzjarja (fi ħdan il-forzi tal-pulizija, awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet finanzjarji li jirrapportaw lill-awtoritajiet finanzjarji).	Kunsill Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI Konvenzjoni 108 CoE u Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 CoE.	Japplikaw ir-regoli domestiċi taż-żamma tad-dejta, minħabba li dan l-istrument jirregola biss l-iskambjar tad-dejta.	Għoxrin Stat Membri jipparteċipaw fl-FIU.net, applikazzjoni onlajn għall-qsim tad-dejta li titħadden fuq s-TESTA.	Bħala ġarti mill-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji, il-Kummissjoni ilha mill-2009 tanalizza l-implimentazzjoni Direttiva 2005/60/KE.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Kooperazzjoni tal-Uffiċċju għall-Irkuprar tal-Assi (ARO)	Mibdija mill-Istati Membri	Biex tiġi skambjata l-informazzjoni meħtieġa għall-intraċċar u l-identifikar tad-dħul mill-kriminalità.	Deċentralizzata, l-AROs huma meħtieġa biex tiġi skambjata informazzjoni permezz tal-inizjattiva Svediża. L-applikazzjoni SIENA tal-Europol tista' dalwaqt issaħħaħ il-kooperazzjoni ARO.	Dettalji ta' propjetà mmirata, bħal kontijiet bankarji, propjetà immobbli u vetturi, kif ukoll dettalji tal-persuni mfittxija, bħall-isem, indirizz, azzjonisti u informazzjoni tal-kumpanija.	L-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi.	Konvenzjoni 108 CoE, Protokoll addizzjonali 181 CoE u Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 CoE.	Japplikaw ir-regoli domestiċi taż-żamma tad-dejta, minħabba li dan l-istrument jirregola biss l-iskambjar tad-dejta.	Aktar minn għoxrin Stat Membru waqqfu AROs; tnax minnhom qed jipparteċipaw fi proġett pilota li nediet l-applikazzjoni SIENA tal-Europol biex tiġi skambjata d-dejta għar-rintraċċar tal-assi.	Fl-2010 l-Kummissjoni se tissottometti rapport ta' evalwazzjoni lill-Kunsill.
Pjattaformi tal-Ċiberkriminalità Nazzjonali u tal-UE	Mibdija minn Franza.	Biex tinġabar u tiġi skambjata informazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità.	Deċentralizzati, jġibu flimkien pjattaformi ta' twissijiet nazzjonali u l-Pjattaforma taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol tal-UE. L-applikazzjoni SIENA tal-Europol tista' dalwaqt issaħħaħ l-iskambju tad-dejta bejn il-pjattaformi ta' twissija.	Kontenut jew imġiba illegali li tinstab fuq l-internet.	Il-pjattaformi nazzjonali jirċievu rapporti taċ-ċittadini; Il-pjattaforma tal-Kriminalità tal-UE tal-Europol tirċievi rapport tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dwar iċ-ċiberkriminalità transkonfinali serja.	Regoli speċifiċi stabbiliti mid-Deċiżjoni Europol u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, il-Konvenzjoni 108 CoE, il-Protokoll Addizzjonali 181 CoE u CoE Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 u –Regolament (KE) 45/2001.	Japplikaw ir-regoli domestiċi taż-żamma tad-dejta, minħabba li din il-miżura tirregola biss l-iskambjar tal-informazzjoni.	Kważi l-Istati Membri kollha stabbilixxew pjattaformi ta' twissija nazzjonali; Il-Europol qed taħdem fuq il-Pjattaforma taċ-Ċiberkriminalità tagħha.	Il-Europol tkopri ċ-ċiberkriminalità u, fil-futur, se tirrapporta dwar l-attivitajiet tal-Pjattaforma taċ-Ċiberkriminalità tal-UE fir-Rapport Annwali tagħha sottomess lill-Kunsill għall-approvazzjoni u lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Europol	Mibdija mill-Istati Membri	Biex tgħin lill-Istati Membri jipprevjenu u jikkumbattu l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħra ta' reati serji li jaffettwaw żewġ Stati Membri jew iżjed.	Il-Europol hija aġenzija tal-UE bbażata f'The Hague. Hija qed tiżviluppa SIENA, applikazzjoni ta' netwerk tagħha stess għall-iskambjar ta' informazzjoni sigura.	Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (l-EIS) fiha dejta personali, inkluż identifikatur bijometriċi, kundanni, u rabtiet ma' kriminalità organizzata, ta' persuni suspettati b'reati li jaqgħu taħt il-mandat tal-Europol. Fajls ta' Xogħol ta' Analiżi (AWF) fihom dejta personali ta' relevanza.	L-aċċess għall-EIS jista' jsir mill-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol, l-uffiċjali ta' kuntatt, il-persunal tal-Europol u d-direttur. L-aċċess tal-AWF huma mogħti lill-uffiċjali ta' kuntatt. Id-dejta personali tista' tiġi skambjata ma' pajjiżi terzi li għandhom ftehim mal-Europol.	Regoli speċifiċi stabbiliti mid-Deċiżjoni Europol u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, il-Konvenzjoni 108 CoE, il-Protokoll Addizzjonali 181 CoE u CoE Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 u r-Regolament (KE) 45/2001.	Il-fajls AWF jistgħu jinżammu għal massimu ta' tliet snin, b'possibbiltà ta' estensjoni ta' tliet snin oħra.	Il-Europol huwa użat b'mod attiv minn kull Stat Membru kif ukoll pajjiżi terzi li għandhom ftehim operazzjonali miegħu. Il-bażi legali l-ġdid tal-Europol ġie implimentat minn kull Stat Membru.	Korp ta' Superviżjoni Konġunta jissorvelja l-ipproċessar tad-dejta personali mill-Europol u t-trażmissjoni ta' tali dejta lil partijiet oħra. Huwa jissottometti rapporti perjodiċi lill-PE u lill-Kunsill. Il-Europol jissottometti wkoll rapport annwali lill-Kunsill għall-apporvazzjoni u lill-PE għall-informazzjoni.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Eurojust	Mibdi mill-Istati Membri	Biex itejjeb il-kooperazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet fl-Istati Membri u biex itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet relevanti.	Il-Eurojust huwa korp tal-UE bażat f'The Hague, li juża s-Testa għall-iskambjar tad-dejta.	Id-dejta personali ta' persuni suspettati u persuni kundannati f'każijiet ta' reati serji li jaffettwaw żewġ Stati Membri jew aktar, inkluż dejta bijografika, dettalji ta' kuntatt, profili tad-DNA, marki tas-swaba', ritratti u dejta dwar it-traffiku tal-komunikazzjoni u dwar il-lok.	Is-27 membri nazzjonali tal-Europol, li jistgħu jaqsmu d-dejta mal-awtoritajiet nazzjonali u pajjiżi terzi jekk is-sors tal-informazzjoni jaqbel.	Ir-regoli speċifiki stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Eurojust u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, il-Konvenzjoni 108 CoE, Protokoll Addizzjonali 181 CoE u Rakkomandazzjoni tal-Pulizija R (87) 15 CoE.	L-informazzjoni trid titħassar ladarba li l-iskop li għalih tkun ġiet provduta jinkiseb, u ladarba l-każ jingħalaq.	Il-bażi legali emendata tal-Eurojust bħalissa qed tiġi implimentata mill-Istati Membri.	Sa Ġunju 2014, il-Kummissjoni se tirrevedi l-iskambjar tad-dejta bejn il-membri nazzjonali tal-Eurojust. Sa Ġunju 2013, il-Eurojust se jirrapporta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-provvediment ta' aċċess nazzjonali lis-sistema ta' ġestjoni tal-każ tiegħu. Korp ta' Superviżjoni Konġunta jissorvelja l-ipproċessar tad-dejta personali mill-Eurojust u jirrapporta lill-Kunsill kull sena. Il-President tal-Kulleġġ tal-Eurojust jissottometti lill-Kunsill rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Eurojust, li dan imbagħad jgħaddihom lill-PE.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati									
Strument	**Sfond**	**Għan(ijiet)**	**Struttura**	**Inklużjoni ta' dejta personali**	**Aċċess għad-dejta**	**Protezzjoni tad-dejta**	**Iż-żamma tad-dejta**	**Stat ta' implimentazzjoni**	**Analiżi**
Il-ftehimiet PNR mal-Istati Uniti u l-Awstralja; Ftehim API/PNR mal-Kanada	Mibdija mill-Kummissjoni	Biex jipprevjeni u jikkumbattu t-terroriżmu u forom oħra ta' reati transnazzjonali serji.	Ftehimiet internazzjonali.	Il-Ftehimiet mal-Istati Uniti u l-Awstralja fihom 19-il kategorija ta' dejta tal-PNR, inkluż bijografija, prenotazzjoni, ħlas u informazzjoni supplimentari; il-ftehim mal-Kanada fih 25 punt simili tad-dejta.	Id-Dipartiment tal-Istati Uniti tas-Sigurtà Interna, l-Aġenzija Kanadiża għas-Servizzi tal-Fruntieri, u s-Servizzi Doganali Awstraljani, li jistgħu jaqsmu dejta ma' servizzi domestiċi tal-infurzar tal-liġi u ta' kontra t-terroriżmu.	Ir-regoli għall-ħarsien tad-dejta huma stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali speċifiċi.	L-Istati Uniti: seba' snin użu attiv, tmien snin użu passiv; l-Awstralja: 3.5 snin użu attiv, sentejn użu passiv; il-Kanada: 72 siegħa użu attiv, 3.5 snin użu passiv.	Il-ftehimiet mal-Istati Untii u mal-Awstralja huma applikabbli b'mod proviżorju; il-ftehim Kanadiż huwa fis-seħħ. Il-Kummissjoni se tinnegozja mill-ġdid dawn il-ftehimiet. Sitt Stati Membri tal-UE għaddew liġijiet li jippermettu l-użu tad-dejta tal-PNR għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi.	Kull ftehim jipprovdi għak reviżjoni perjodika, filwaqt li l-ftehimiet Awstraljani u Kanadiżi jinkludu wkoll klawsoli ta' twaqqif.

Tabella b'ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti li qegħdin jintużaw, li qegħdin jiġu implimentati jew ikkunsidrati

Strument	Sfond	Għan(ijiet)	Struttura	Inklużjoni ta' dejta personali	Aċċess għad-dejta	Protezzjoni tad-dejta	Iż-żamma tad-dejta	Stat ta' implimentazzjoni	Analiżi
Ftehim TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti	Mibdi mill-Kummissjoni	Biex jipprevjeni, jinvestiga u jsib jew iressaq il-qorti t-terroristi jew l-iffinanzjar tat-terroristi.	Ftehim internazzjonali.	Dejta ta' messaġġi finanzjarji li tinkludi *inter alia*, l-isem, in-numru tal-kont, l-indirizz u n-numru tal-ID ta' min jagħmel u għand min jaslu t-tranżazzjonijiet finanzjarji.	It-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti jista' jaqsam id-dejta miġbura mill-messaġġi finanzjarji mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tas-sigurtà pubblika jew ta' kontra t-terroriżmu tal-Istati Uniti, mal-Istati Membri, mal-Europol jew il-Eurojust. It-trasferiment lejn pajjiżi terzi huwa soġġett għall-kunsens tal-Istati Membri.	Il-ftehim għandu limitazzjoni tal-iskop stretta u klawsoli tal-proporzjonalità.	Id-dejta personali li tinħareġ mill-messaġġi finanzkarko ma tistax tinżamm għal aktar milli huwa meħtieġ għal investigazzjonijiet individwali jew prosekuzzjonijiet; id-dejta mhux estratta tista' tinżamm biss għal 5 snin.	Fit-8 ta' Lulju 2010 l-PE ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti. Issa l-Kunsill mistenni jadotta Deċiżjoni tal-Kunsill li jikkonkludi dan il-ftehim, u wara dan il-ftehim jidħol fis-seħħ permezz ta' skambju ta' ittri bejn il-partijiet.	Il-Kummissjoni trid tirrevedi dan il-ftehim sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Ir-rapport ta' valutazzjoni tagħha jrid jintbagħat lill-PE u lill-Kunsill.